Fil-Milied, meta Alla sar bniedem bħalna u twieled minn Marija Verġni, Alla ried ipoġġi fiċ-ċentru ta' kollox lill-bniedem u ried iżejjen l-umanità b'dinjità kbira. Imma llum aħna din il-verità għamilna minnha ħrafa. Id-dinjità tal-bniedem, sikwit f'isem il-progress u l-libertà, hi mkasbra bl-addoċċ f'kultura fejn kollox jitkejjel mill-effiċjenza u l-utilità. Il-kunċett ta' libertà individwali bla rażan dejjem qed jinbidel fi vjolenza fis-soċjetà, anke fi vjolenza domestika. It-tfittxija għas-sodisfazzjon qed twassal għal vojt li ħafna jimlewh bl-użu tad-droga, xorb alkoħoliku, u logħob tal-azzard. Il-kisbiet sbieħ fit-teknoloġija tal-informatika waslu wkoll itellfu r-rispett lejn il-persuna u ż-żeblieħ b'mod speċjali tal-mara fil-pornografija. Dawn kollha huma sintomi li mat-tajjeb li hemm fis-soċjetà tagħna hemm ukoll mard serju. Ħafna ġenituri huma inkwetati u allarmati għax dan kollu hu theddida għall-futur ta' wliedhom. Aħna ningħaqdu magħhom f'din il-preokkupazzjoni. Imma konvinti li l-pajjiż

jistenna direzzjoni f'dan il-qasam u koperazzjoni minn min għandu rieda tajba qabel ma jkun tard.

**Vjaġġ intern**

L-istorja dejjem uriet li l-bniedem jeħtieġ salvazzjoni li ma tistax tiġi minnu stess. Hadd ma jista' jsalva lilu nnifsu. Il-bniedem għandu xewqat profondi li ma jistax jissodisfahom biss b'affarijiet materjali. San Mattew jirrakkonta wkoll fil-Vanġelu tiegħu ż-żjara tal-Maġi u jgħid li "**meta daħlu d-dar u raw lit-tifel ma' Ommu Marija, inxteħtu fl-art iqimuh**" (Matt 2, 11). Il-Maġi kienu ġew mil-Lvant u l-vjaġġ tagħhom wassalhom fejn xtaqu. Imma għalihom issa kien beda vjaġġ ieħor, vjaġġ intern li bidlilhom ħajjithom.

Il-Knisja f'Malta tixtieq tkun bħall-kewkba tal-Maġi preżenti fil-ħajja ta' ħafna biex permezz tal-Kelma ta' Alla takkumpanjahom u tgħinhom biex f'ħajjithom ifittxu lil Alla bis-sinċerità, isibuh, u jadurawh bħala l-Mulej li kapaċi jibdel ħajjithom. Il-Maġi x'aktarx stħajlu li se jsibu realtà differenti. Imma t-tfittxija sinċiera u perseveranti wasslithom jiskopru dak li tassew kienu jeħtieġu u li mlielhom qalbhom u ħajjithom.

Dan hu dak li b'din l-ittra nixtiequ minn qalbna nawgurawlkom għal dan il-Milied: Li permezz ta' dan il-misteru kbir ta' Betlem, niskopru mill-ġdid lil Alla fil-ħajja tagħna personali u madwarna. It-tarbija ta' Betlem, fid-dgħufija tagħha turina kemm Ġesù Kristu l-Iben ta' Alla kien kapaċi jitbaxxa biex jidħol fil-qalb tagħna. Ma nħallux li nfittxu lil Alla biss meta nkunu daharna mal-ħajt fit-tbatija jew quddiem il-mewt. F'kull sitwazzjoni tagħna, aħna min aħna, ilkoll għandna bżonn infittxu lil dan Alla għax hu biss kapaċi jagħtina libertà vera u dinjità sħiħa biex infasslu l-futur tagħna bid-deċiżjonijiet tal-ħajja ta' kuljum.

Nagħtukom il-barka pastorali tagħna b'rahan ta' kull ġid mis-sema.

**✠ PAWL CREMONA O.P., Arċisqof ta' Malta**
**✠ MARIO GRECH, Isqof ta' Għawdex**

**29 ta' Novembru 2008**

## It-Tieni Ittra tal-Arċisqof liż-Żgħażagħ

### Kunu protagonisti fil-Knisja tat-Tielet Millenju

Kien sena ilu li ltqajna flimkien għat-talb ta' filgħaxija fil-Knisja ta' San Girgor iż-Żejtun. Flimkien konna għamilna riflessjonijiet dwar il-qawwa li intom mogħnija biha permezz tal-Ispirtu s-Santu.

Minn dak iż-żmien sa llum jiena għext din il-qawwa li intom għandkom ġo fikom magħkom, fil-qadi tal-ħajja ta' kuljum, f'ċelebrazzjonijiet speċjali fil-Knisja, f'okkażjonijiet differenti fis-soċjetà. Għext magħkom ħinijiet ta' riflessjoni, ħinijiet ta' djalogu, ħinijiet ta' niket, ħinijiet ta' ferħ. Għext magħkom is-sabiħ u d-diffiċli. Qsamt esperjenzi magħkom hawn f'pajjiżna u anke 'l barra minn xtutna.

Matul dan iż-żmien intom kellkom verament il-qawwa li biddlet lilkom u lil dawk li għexu magħkom. Permezz ta' dan il-messaġġ, illum nixtieq naqsam xi ħsibijiet magħkom fuq l-istorja ta' żagħżugħ illi din il-qawwa mogħtija lilu mill-Ispirtu s-Santu wżaha biex ikun xhud fost il-ġnus, biex permezz tal-qawwa tiegħu jilħaq lil ħaddieħor.

**Storja ta' żagħżugħ jismu Pawlu**

Elfejn sena ilu, kien hemm żagħżugħ jismu Sawl. Kien twieled madwar is-sena Tmienja wara Kristu. Għalhekk din is-sena qed nagħmlu t-tifkira tal-elfejn sena mit-twelid tiegħu. Kien żagħżugħ li kellu qilla fih li għal dak li emmen fih kien lest li jtajjar minnu lil dawk li ma kinux jaqblu miegħu. Nafu li meta Stiefnu, djaknu Nisrani, kien imħaġġar, ma ddejjaqx, - forsi ivvolontarja ruħu – biex iżomm il-ħwejjeġ ta' dawk li kienu qed iħaġġru lil Stiefnu (At 7, 58). Il-qilla tiegħu f'dak li jemmen ġiegħlitu biex ikun 'leader' qawwi: hu stess talab li jmur jitfa' l-ħabs lil dawk li ma kienx jaqbel magħhom!

Iżda kellu xi ħaġa tajba ħafna. Dan għamlu għaliex kien jemmen f'xi ħaġa, b'intenzjoni tajba: kien lest li jbati biex jilħaqha. Illum, naraw din il-qilla anki f'xi wħud li jieħdu ħafna riskji biex jiddefendu l-ambjent, jew xi kawża oħra.

X'aktarx, kieku hu ma kellux esperjenza qawwija, kien jibqa' magħruf bħala 'persekutur' ta' grupp ġdid li kienu qed jimxu wara wieħed jismu Ġesù Kristu.

Din l-esperjenza ltaqa' magħha meta kellu madwar 28 sena, fis-sena 36 wara Kristu Ma kienx hu li fittixha: hu kien sejjer għal raġuni totalment differenti. F'moħħu kellu biss li jservi lil Alla tal-Poplu Lhudi billi jeqred lil dawk li kien jaħseb li kienu theddida għall-Poplu tiegħu. Li kien għalih kien ikompli hekk. Iżda kien hemm xi Ħadd li kien qed jiġri warajh u li kellu pjani oħrajn għalih.

Fit-triq ta' Damasku Ġesù daħal fl-istorja tiegħu. Deher bħala dawl u leħen: "Sawl, Sawl, għaliex qiegħed tippersegwitani?" Ir-reazzjoni ta' Sawl ma kinetx affermazzjoni ta' x'jemmen hu, iżda biss l-umiltà ta' wieħed li jistaqsi ħalli jitgħallem: "Min int, Mulej?" Ġesù ppreżenta lilu nnifsu: 'Jiena Ġesù ta' Nazaret li inti qiegħed tippersegwitah.' Sawl għamel mistoqsija oħra: 'X'għandi nagħmel, Mulej?' (Ara At 22, 6-11)

Minn dak il-mument, il-ħajja tiegħu kienet il-ftuħ għat-tweġibiet li baqa' jistenna mill-Mulej minn żmien. Kienet ħajja li fit-tfittxija għal min hu l-Mulej Ġesù, fetħitlu qalbu biex imur fid-deżert tal-Għarabja biex il-Mulej ikun jista' jkellmu, fetaħ it-triq għal diversi rivelazzjonijiet, iżda wasslitu biex ikun parti mill-Knisja: "...jiena mort l-Għarabja...imbagħad, tliet snin wara, tlajt Ġerusalem inżur lil Kefa, u bqajt miegħu ħmistax-il ġurnata (Gal 1, 17-18). Kefa, Pietru, kien is-sinjal li qiegħed lilu nnifsu għas-servizz ta' Ġesù permezz tal-Knisja.

## Quddiem esperjenzi qarsa

Biex dan kollu seta' jseħħ, kellu jgħaddi mid-dlam tar-realtà li kien qed jgħix fiha għal realtà oħra. U din kienet diffiċli ħafna għal karattru qawwi bħal San Pawl. Fil-każ tiegħu, il-grazzja ta' Alla kellha tkun ħafna ħarxa biex tgħinu. Il-Mulej ippermetta li jkollu esperjenza ta' bniedem għama: li jkun dipendenti fuq l-oħrajn. Kultant tkun l-istess esperjenza qarsa li ġġiegħel lil xi wħud jiggranfaw ma' Alla: esperjenza ta' alkoħol, ta' drogi, ta' ħabs. F'dan id-dlam iktar faċli jidher ix-xaqq ta' dawl. F'ħajja ta' rutina, fejn wieħed ikun kuntent bil-ftit, huwa ħafna iktar diffiċli li tara xi xaqq ta' dawl, għax tkun kuntent bid-dawl inemnem

tal-medjokrità – l-aqwa li ma ċħadtx lil Alla, u nagħmel il-minimu biex ma ninqatgħax minnu – iżda miniex lest li nagħtih aktar.

Nafu li l-bidla kienet tant qawwija li ħeġġitu li mal-ewwel xtaq jgħaddiha lill-oħrajn. Beda jippriedka mal-ewwel fuq Ġesù ta' Nazaret: "U malajr beda jxandar lil Ġesù fis-sinagogi u jgħid li dan hu l-Iben ta' Alla" (At 9, 20). Ħasad lill-Insara għaliex kienu jafuh bħala persekutur, u ħasad lil-Lhud hekk li mal-ewwel fittxew li joqtluh. Naħseb li hija l-istess esperjenza meta xi żagħżugħ isib lil Alla u jibda jaqsam l-esperjenza tiegħu. Dawk li kienu ħbieb miegħu u jafuh mod ieħor jibdew jiskartawh għaliex ma jemmnux x'qed jiġri, dawk li huma ġewwa jibqgħu jiddubitaw minnu għaliex jafuh xorta oħra. Iżda mbagħad ikun hemm it-tielet kategorija: Dawk li jirraġunaw: 'Jekk inbidel dak mir-realtà tqila li kellu, mela anki jien nista' ninbidel'!

L-ewwel mistoqsija li għamel: 'Min int, Mulej', fetħet it-triq għar-rivelazzjoni fuq min hu Sidna Ġesù Kristu, iżda fid-dawl tal-imħabba tiegħu lejn Ġesù, fetħet ukoll ħafna dwal fuq min kien San Pawl stess. Sinjal ta' din il-bidla kien li mill-kapitlu 13 tal-Atti tal-Appostli jibda jissejjaħ 'Pawlu'. Fl-Ittri tiegħu jaqsam diversi minn dawn id-dwal fil-ħajja tiegħu: f'dawn is-siltiet hu ma jitkellimx bħala 'Għalliem', iżda bħala Nisrani li qed jaqsam l-esperjenza tiegħu. Ħa naraw xi wħud minnhom:

"Inħoss din il-liġi ġewwa fija, meta rrid nagħmel it-tajjeb, ifeġġ quddiemi il-ħażin. Skont il-bniedem ta' ġewwa, togħġobni l-liġi ta' Alla; iżda nilmaħ fil-membri ta' ġismi liġi oħra titqabad kontra l-liġi ta' moħħi, u tjassarni taħt il-liġi tad-dnub li hemm ġo ġismi. Imsejken bniedem li jien! Min se jeħlisni minn dan il-ġisem tal-mewt? Niżżi ħajr lil Alla permezz ta' Ġesù Kristu Sidna!" (Rm 7, 21-25)

"Meta jien wasalt fostkom, ħuti, ma ġejtx inħabbrilkom il-misteru ta' Alla bi kliem kbir jew għaref. Ma ppretendejtx li kont naf xi ħaġa fostkom, ħlief lil Ġesù Kristu, u 'l dan imsallab. U jien ġejt għandkom dgħajjef, imbażża' u mriegħed...sabiex il-fidi tagħkom tinbena mhux fuq l-għerf tal-bniedem, imma fuq il-qawwa ta' Alla (1 Kor 2, 1-5). "Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu. Il-ħajja li issa ngħix fil-ġisem qiegħed ngħixha bil-fidi fl-Iben ta' Alla, li ħabbni u ta lilu nnifsu

għalija. Miniex inġib fix-xejn il-grazzja ta' Alla..." (Gal 2, 20-21). Insibu ħafna aktar kwotazzjonijiet fl-ittri ta' San Pawl u nistedinkom li intom stess tfittxu taqraw l-iskrittura.[1]

It-tieni mistoqsija, "X'għandi nagħmel, Mulej?", jidher li f'San Pawl ma kinetx sentiment ta' mument, iżda mod ta' ħajja. Nafu li San Pawl għamel il-vjaġġi missjunarji tiegħu – tlieta b'kollox – li fihom il-Kelma ta' Alla xerridha mad-dinja kollha li kienet magħrufa f'dak iż-żmien. Il-ħaġa tal-għaġeb hi li biex jibda dawn il-vjaġġi missjunarji kellhom jgħaddu tmien snin, mill-konverżjoni tiegħu fis-sena 36 sal-ewwel vjaġġ missjunarju tiegħu fis-sena 44. F'dawn it-tmien snin, il-Mulej kien qiegħed iħejjih, iżda qal 'iva' wara tmien snin għaliex żgur li min jaf kemm-il darba kien jirrepeti lil Alla: 'X'għandi nagħmel, Mulej?', sakemm fl-aħħar permezz tal-Knisja, ġie mibgħut biex ixandar il-Kelma, f'postijiet fejn kienu għadhom ma semgħuhiex. Min jaf, tul iż-żminijiet, il-mistoqsija "X'għandi nagħmel, Mulej?" kemm fetħet orizzonti ta' ħidma għall-Mulej, lil ħafna żgħażagħ!

**Sejħa speċjali fis-sena ta' San Pawl**

Din hija l-ġrajja taż-żagħżugħ Sawl. It-twettiq totali tagħha jidher li hu lil hinn minna għaliex San Pawl huwa forsi l-uniku fil-qawwa u fl-intensità tal-missjoni tiegħu. Iżda t-triq hi l-istess. Min jimxi minnha, anki jekk ma jagħtix il-mija fil-wieħed, jista' jagħti s-sittin jew it-tletin fil-mija (Mt 13, 8). Hija s-sejħa speċjali tagħna f'din is-sena ta' San Pawl!

Il-ħajja u l-ġrajja taż-żagħżugħ Sawl twassalna biex naraw kemm tista' tkun tassew b'saħħitha l-qawwa tal-Ispirtu fiż-żogħżija. L-intensità tal-missjoni tagħkom ġejja mill-istess żgħożija tagħkom. Bħaż-żagħżugħ Sawl kunu mill-ġdid intom iż-żgħażagħ ta' llum il-protagonisti fil-Knisja tat-Tielet Millenju. Kunu intom iż-żgħażagħ li permezz tad-direzzjoni tal-mixja tagħkom wara Kristu taħsdu lil ta' madwarkom bil-bidla li sseħħ fikom. Kunu intom iż-żgħażagħ il-'leaders' fuq quddiem li tfittxu li tagħtu l-ħajja lill-komunità Nisranija. Kunu intom iż-żgħażagħ li tieħdu f'idejkom dan il-wirt mogħti lilna minn missierna San Pawl.

**✠ PAWL CREMONA O.P., Arċisqof ta' Malta**

**30 ta' Novembru 2008**

# Messaġġ tal-Milied 2008 minn Mons Arċisqof Pawl Cremona OP lill-Missjunarji Maltin

**Għeżież saċerdoti, reliġjużi u lajċi Maltin li qegħdin taħdmu għall-Knisja bogħod mix-xtajtiet tagħna.**

Darba kont qed naqra siltiet mill-kitbiet minn wieħed mill-Għalliema Ewlenin tal-Knisja u kien hemm interpretazzjoni ta' l-universalità tal-Knisja. Huwa beda mill-Pentekoste, l-inżul ta' l-Ispirtu s-Santu fil-Knisja meta l-appostli tkellmu b'Ieħen wieħed, iżda fehmuhom nies li kienu jitkellmu diversi ilsna. Hu jkompli jgħid li dan il-miraklu għadu jerġa' jsir f'kull żmien. Huwa jgħid li l-Kelma ta' Alla tiftiehem f'diversi lingwi anki llum, għaliex tiġi mitkellma u mifhuma b'kull ilsien u f'kull post mill-membri tal-Knisja li jemmnu fiha u li jxerrduha.

F'dan il-Milied nixtieq ngħaqqad l-awguri tiegħi lilkom mar-ringrazzjament tiegħi f'isem il-Knisja f'Malta u l-Knisja Universali talli intom għamiltu li dan il-miraklu qiegħed iseħħ. Kemm hija ta' ferħ għalina lkoll għaliex intom f'isimna lkoll smajtu s-sejħa tal-Mulej biex il-Kelma li smajtu bil-Malti, f'ilsienna, intom qassamtuha f'ħafna postijiet b'ilsna oħra, f'kulturi oħra. Issa l-Kelma li tnisslet bil-Malti hawn f'Malta, qed tinstemà fil-ħames kontinenti b'mijiet ta' ilsna differenti.

Jiena nixtieq li waqt li nibgħatilkom l-awguri tiegħi, tgħaddu wkoll lil dawk in-nies u komunitajiet insara li intom qegħdin taqdu, fl-ilsna differenti, dawn l-istess awguri. Il-preżenza tagħkom f'dawn il-pajjiżi hija l-mezz li bih inbniet rabta spiritwali ta' Malta ma' dawn il-pajjiżi u l-Knisja li tinsab f'dawn il-postijiet.

Permezz tal-ħidma tagħkom, l-awguri ma jibqgħux kartolina jew telefonata, iżda jsiru preżenza f'isimna, preżenza li mhijiex ta' ftit jiem jew ġranet, iżda titwal fis-snin u l-ħidma taghkom. Dak li Ġesù ġab fostna bil-miġja tiegħu fil-Milied: il-preżenza ta' Alla fostna, id-dinjità lil kull persuna, is-solidarjetà, sar realtà anki permezz tal-ħidma tagħkom.

Nixtieq li nawguralkom kull Barka mingħand il-Mulej b'dak kollu li ġab it-Twelid ta' Ġesù fi żmienu, fil-familja tiegħu, f'dawk li saru jafu li twieled: ferħ, paċi u serenità, u esperjenza ta' lmħabba Divina.

**✠ Pawl Cremona O.P., Arċisqof ta' Malta**

**15 ta' Diċembru 2008**

# Messaġġ tal-Milied 2008 minn Mons Arċisqof Pawl Cremona lill-Emingranti Maltin

Ħuti Maltin emigranti barra minn pajjiżna,

Matul din is-sena jien kelli l-ewwel esperjenza li niltaqa' ma' komunitajiet ta' emigranti Maltin u Għawdxin li kienu marru l-Awstralja f'mumenti differenti tal-istorja tal-gżejjer tagħna.

Wieħed mill-postijiet li mort fihom kien Mackay. Wieħed mill-postijiet li rajt f'Mackay kienet il-kappella li kienu bnew l-ewwel emigranti. Kien juri kemm l-ewwel emigranti ġabu magħhom il-fidi tagħhom. Huwa xiehda ta' kemm il-Mulej Ġesù kien twieled sewwa ġewwa qalbhom u rieduh jibqa' hemm. Huma kienu l-mezz kif Ġesù Tarbija jsir 'Emmanuel', jiġifieri 'Alla magħna' mhux biss f'Malta, iżda wkoll l-Awstralja, kull fejn marru. Kienu fehmuh sew il-messaġġ tal-Milied: li Ġesù twieled mhux biss biex infakkruh biss, iżda biex inżommuh magħna.

Hemmhekk stajt nara wkoll il-post fejn kienu jinżlu ħafna mill-emigranti Maltin mill-vapuri. Qaluli li kienu jiġu bi tbatija kbira. Xi drabi wara vjaġġ twil, u xi drabi kienu jinżlu l-art ġewwa basktijiet imniżżlin bil-ħabel u jiffaċċjaw ukoll preġudizzji kontrihom.

Jiena ftakart ukoll fil-ġrajja tal-Milied, meta Ġużeppi ħa lil martu Marija u lil Ġesù, u ħarbu lejn l-Eġittu biex isibu kenn aktar żgur mill-persekuzzjoni li kellhom. Ġesù ġie fid-dinja wkoll biex ikun qrib tal-persuni f'kull ċirkustanza tal-ħajja. F'dan il-każ, huwa wera li ried ikun qrib tal-persuni li jmorru minn post għall-ieħor minħabba l-ħtiġiet tagħhom u tal-familji tagħhom. Min jaf kemm San Ġużepp u l-Madonna ħarsu lejn Ġesù fit-triq tagħhom, u din il-ħarsa immotivathom biex jibqgħu mexjin lejn l-Eġittu! Min jaf kemm il-darba l-preżenza divina tiegħu, li huma kienu daquha fit-twelid tiegħu, saħħithom u ġiegħlithom jegħlbu kull tbatija biex jaslu għall-kenn!

Ippruvajt nimmaġina kemm emigranti fit-triq lejn pajjiż ieħor ġew imsaħħin bil-preżenza ta' Ġesù fosthom permezz tat-talb. Kien hu li tahom il-qawwa li jkomplu u jagħħmlu suċċess mid-deċiżjoni tagħhom li jfittxu art oħra.

Għeżież ħuti emigranti, l-awgurju tiegħi għal dan il-Milied hu dan: li tħallu lil Ġesù jkompli jitwieled fostkom anke llum, kif għamlu l-ewwel emigranti. L-awgurju tiegħi hu li anke fl-istess pajjiż fejn issa qegħdin tgħixu tkunu intom li tħallu lil Ġesù jitwieled, turuh lill-oħrajn li għadhom ma daquhx biex jifirħu bih huma wkoll. L-awgurju tiegħu hu li Ġesù Tarbija tagħmluh verament 'Alla magħna' – preżenza li tkun dejjem magħkom fil-ħsieb, fit-talb u fil-kliem, fil-mod ta' ħajja tagħkom, fil-familji, fuq il-post tax-xogħol ui tal-mistrieħ.

Nibgħat fuqkom il-barka tiegħi, lilkom li intom ukoll parti minn din il-Knisja Maltija li tinsab ukoll lil hinn minn xtutna.

**✠ Pawl Cremona O.P., Arċisqof ta' Malta**

**20 ta' Diċembru 2008**

# Messaġġ ta' Mons Arċisqof Pawl Cremona OP għall-Milied 2008

## Dinjità proprja lil kull persuna

Għeżież ħuti,

Ftit ilu kont ma' grupp ta' familji li għandhom xi membri tagħhom b'diżabilità. Ma kienu qed jitolbu xejn ħlief id-dinjità ta' kull familja u d-dinjità tal-membri tal-familja tagħhom li huma b'diżabilità. Jiena wegħdthom li nagħmel li nista' biex inwassal dan il-messaġġ.

Meta mort lura, mogħni b'din l-esperjenza tal-imħabba u l-kuraġġ ta' dawn il-familji bdejt nirrifletti: Ma kienu qed jitolbu xejn ħlief li jkollna kultura li tirrispetta d-dinjità ta' kull persuna. Minn din il-kwalità ta' kultura għandha toħroġ, l-applikazzjoni tagħha għal kull persuna li niltaqgħu magħha. Din il-kultura mhux titnaqqas jew tiżdied skont jekk persuna hijiex fqira jew persuna li nista' nieħu xi ħaġa minnha, persuna li taqbel miegħi jew persuna li ma taqbilx miegħi.

U l-iskola prinċipali ta' din il-kultura tad-dinjità hija l-familja. L-iskola, l-Istat, il-Knisja, jistgħu jgħinu fit-tifrix ta' dan il-kultura, iżda hija ħafna diffiċli jekk ma jkollhiex l-għeruq tagħha fit-trobbija: minn dak li nisimgħu u naraw fil-familja.

### Missjoni tan-nisrani

Il-ġrajja tal-Milied nistgħu ngħixuha taħt diversi aspetti. Din is-sena nixtieq li ngħixuha fid-dawl tal-missjoni tan-nisrani li jagħti d-dinjità proprja lil kull persuna, l-aktar dawk li huma qrib tagħna, biex imbagħad ixerrduha fis-soċjetà. Il-ġrajja tal-familja ta' Nazaret hija dawl għalina ta' dan.

Alla huwa l-bidu ta' din id-dinjità tal-bniedem. It-tħabbira tal-Fidwa tagħna ma saritx b'impożizzjoni iżda b'offerta lil-libertà ta' Sidtna Marija

biex taċċetta li tkun omm Alla. Kemm il-darba fil-familji l-affarijiet isiru b'impożizzjoni jew vjolenza iktar milli b'persważjoni tal-imħabba!

San Ġużepp infixel meta nduna li dik li kienet l-għarusa tiegħu, Sidtna Marija, kienet diġà tqila b'tarbija. Huwa kien mifxul bejn dak li tgħid il-Liġi Lhudija u dak li qed jara b'għajnejh. It-tweġiba tiegħu kienet: li jwarrabha bil-moħbi tan-nies biex isalva d-dinjità ta' Marija. Kemm il-darba fil-familji nfittxu l-imperfezzjonijiet jew l-iżbalji ta' dawk li jgħixu magħna biex nuru superjorità finta, għaliex ninsew kemm il-darba min hemm ħdejna jaħfrilna u ma jitkellimx!

Marija turi d-dinijità lejn Ġużeppi, meta wara li sabu lit-tifel Ġesùmeta kellu tnax-il sena, tikkoreġi lit-tifel b'mistoqsija li turi l-inkwiet tagħhom, u ddaħħal lil żewġha Ġużeppi biex tagħtih id-dinjità tiegħu ta' Missier, meta qaltlu: "Ara, Missierek u jien konna qegħdin infittxuk b'qalbna maqsuma" (Lq 2,48). Kemm il-darba anki din ir-relazzjoni qaddisa ta' miżżewġin bejniethom, u tal-miżżewġin lejn it-tfal, issir ġlieda egoistika ta' superjorità u awtoritariżmu bejn xulxin u lejn it-tfal, meta ninsew id-dinjità fundamentali ta' kull persuna, hi xinhi r-rwol jew il-pożizzjoni fil-familja!

Ġesù ta d-dinjità kollha tagħhom lill-ġenituri tiegħu. Jinkiteb li meta sabuh fit-Tempju, "Mbagħad niżel magħhom u reġa' mar Nazaret; u kien jobdihom" (Lq 2,51). Mhux ta' b'xejn li meta kien fuq is-Salib, waħda mill-preokkupazzjonijiet tiegħu kienet lejn ommu armla, u qal lil San Ġwann biex jieħu ħsiebha. Anki llum fil-familji kemm qed isiru nuqqasijiet lejn il-ġenituri, meta minflok rispett, jiġu wżati meta jkunu għadu b'saħħithom u abbandunati meta jikbru!

## Messaġġ lill-Maltin kollha

Il-messaġġ tiegħi fil-Milied imur għall-Maltin kollha. L-ewwelnett għal dawk li għadhom regolarment jagħmlu parti mill-Komunità nisranija billi jisimgħu l-Kelma u jaqsmu l-Ħobża tal-Ewkaristija kull nhar ta' Ħadd. Ħallu l-Kelma ta' Alla, l-aktar fil-ħajja ta' Ġes fil-Vanġelu, iddawwlilkom il-ħajja biex taraw b'mod ġdid, u nibdew mill-familjari tagħna, il-persuni ta' madwarna, u nagħtuhom id-dinjità tagħhom. Ħajja hija nisranija biss jekk tgħix hekk!

Il-messaġġ tiegħi noffrih ukoll lil dawk li forsi tbiegħdu mill-ħajja regulari mal-Komunità tal-Knisja. Ħallu xorta t-tagħlim u l-eżempju ta' Ġesù idawwal u jbiddel il-ħajja tagħkom fil-familja b'mod speċjali billi timlewha b'atmosfera ta' rispett u mħabba lejn id-dinjità ta' kull membru tal-familja.

Il-messaġġ tiegħi jmur ukoll lil kull forza soċjali biex isir sforz ġdid biex jgħinu lill-familji jkunu konxji iktar tad-dinjità fundamentali ta' kull persuna biex il-familja tkun l-ewwel skola ta' din id-dinjità fundamentali ta' kull persuna, hi min hi. Jiena nemmen – u l-esperjenza tikkonferma - li kampanja biex issaħħaħ iż-żwieġ u l-familja tkun l-ikbar investiment u appoġġ kbir għal kampanji oħra li jsiru biex ifakkruna fid-dinjità ta' persuni oħra f'ċirkustanzi partikulari: persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom, persuni vittmi ta' xi vizzju, tfal abbandunati jew maħqurin, vittmi ta' vjolenza domestika u oħrajn.

**Ferħ, imħabba, dinjità**

Il-Milied jurina lil xi ħadd – l-Iben ta' Alla – li jkun lest li jwarrab anki d-dinjità tal-kobor tiegħu ta' Alla fil-ġenb biex jilħaq lilna, u jagħtina d-dinjità tagħna billi jeħodha fuqu huwa stess. Jalla f'dan il-Milied ikun hemm ħafna li jaqsmu d-dinjità personali tagħhom biex jagħtu ftit iktar dinjità lil xi ħaddieħor li huwa mċaħħad mill-espressjoni totali tad-dinjità tiegħu: fqar, imwarrbin, fil-ħabs, dawk li ġew ifittxu asil f'pajjiżna.

Nixtieq li nawguralkom kull Barka mingħand il-Mulej f'dan il-Milied, biex dak kollu li ġab miegħu t-twelid ta' Ġesù fi żmienu u lil dawk li għexu t-twelid tiegħu mill-qrib – ferħ, imħabba, dinjità – ikun jista' jerġa' jseħħ bl-impenn tagħna lkoll fi żmienna u f'pajjiżna.

**Il-Milied it-Tajjeb lil kulħadd.**

**24 ta' Diċembru 2008**

# Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddies fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin

## 'Minthomx esklużi; ħadd mhu eskluż'

Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. il-lum, il-Ġimgħa, 26 ta' Diċembru 2008, iċċelebra Quddiesa fil-Kappella tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin (CCF). Fl-omelija tiegħu, Mons. Arċisqof qal: "Anke meta aħna nkunu mkissrin, is-soċjetà, b'mod speċjali l-Knisja, xorta kulħadd jibqa' tagħha u tagħna. Dan irid ikun l-ewwel messaġġ: m'inthomx esklużi; ħadd mhu eskluż. Kollox huwa tagħna u tas-soċjetà." L-omelija sħiħa tal-Arċisqof kienet din:

Erġajna ltqajna flimkien, bħalma għamilna s-sena l-oħra, fil-kuntest ta' festa li hija ħafna importanti, l-ewwelnett għal dawk li jipprofessaw li huma nsara imma anke, permezz tagħna, għad-dinja kollha. Ir-raġuni prinċipali għaliex il-Milied jagħmel ħafna sens hija għaliex fil-Milied nindunaw kemm Alla l-Imbierek jinterassah minna. Għaliex fil-Milied naraw lil Alla, li hu tant ġeneruż magħna l-bnedmin, li l-att ta' mħabba tiegħu ried jagħmlu billi jsir bniedem bħalna.

Aħna kultant nistagħġbu bil-missjunarji – illum għandna wkoll lajċi – li jmorru f'postijiet fejn hemm il-faqar u ngħidu: 'Min jaf x'sagrifiċċju!?!" Aħna rridu nemmnu, illum b'mod speċjali, li jekk nistagħġbu b'dawk li jagħmlu sena, sentejn, ħames snin kultant jgħixu fil-faqar, ladarba Alla l-Imbierek ġie fostna aħna niswew ħafna għalih.

Forsi meta ngħidu hekk, din il-kelma nifhmuha daqxejn iktar meta nħarsu lejn persuni li jidhru li huma tajbin – fis-sens li Alla biss huwa tajjeb. U kważi, kważi tagħmel sens li Alla l-Imbierek jiġi fost it-tajbin. Meta tara dak li hemm fil-Vanġelu, tinduna li Sidna Ġesù Kristu l-iktar li ġie kien għal dawk li għandhom bżonn l-appoġġ tal-Kelma tiegħu; dawk li b'xi mod jew ieħor, għal xi raġuni jew oħra huma mwarrbin, iħossuhom li kważi, kważi mhumiex denji.

Ġesù għamel dan b'diversi modi. Per eżempju: L-ewwel darba li deher fil-pubbliku, Ġesù, kellu tletin sena, imur f'sinagoga, post tat-talb tal-Lhud, hemmhekk jiftaħ il-ktieb tal-Profeta Isaija, u l-kelma tiegħu tgħaġġbek: 'Jiena ġejt biex nagħti l-ħelsien lill-imjassrin, indewwi lil dawk li huma morda...' U f'daqqa waħda tibda tgħid: 'Imma Ġesù kif ma jsemmi mkien lil dawk li f'dak il-mument huma tajbin? Għaliex Ġesù ma jsemmi qatt: 'Jien ġejt biex ikolli l-glorja tiegħi', imma 'ġejt għal dawk li huma mtaqqlin'? Tafu li aħna lkoll imtaqqlin. Forsi dawk minnkom li qegħdin hawnhekk bħala piena, in-nuqqas jgħodd. Imma anke jien, bħala midneb ngħidlu: 'Mulej, ġejt għalija; ġejt għax tħobbni'.

**L-isfida ta' min jimxi wara Ġesù**

It-tieni ħaġa li għamel Ġesù hija li sfida lil dawk li jimxu warajh. L-isfida ta' dawk li jimxu warajh mhix li jħossuhom komdi meta jkunu bejniethom: aħna ltqajna fil-knisja u aħna komdi; le!

Meta ġie biex jgħid li fl-aħħar se jkun hemm ġudizzju - fil-ħajja ta' dejjem, it-tajjeb u l-ħażin ma jistgħux jitfixklu, jew tajjeb jew ħażin - f'daqqa waħda Ġesù jgħid li meta xi ħadd imur iżur lil xi ħadd li huwa marid, jgħin lil xi ħadd li huwa bil-ġuħ, imur iżur lil xi ħadd li qiegħed fil-ħabs: 'Dak jiena l-Mulej Ġesù; hemmhekk tkunu qed iżżuru lili'.

Tafu x'qed jgħid il-Mulej, hawnhekk? Hija ħaġa kbira. Għaliex aħna, bil-moħħ tagħna, x'ngħidu? Ngħidu: 'Alla jbierek kemm hu b'saħħtu! Alla jbierek kemm huwa tajjeb! Alla jbierek kemm hu sabiħ jew sabiħa!" U nieqfu hemm. Ġesù lin-nisrani jġiegħlu jgħid: 'Alla jbierek għax anke f'persuna li forsi qed tbati u forsi qegħda fil-ħabs, hemmhekk irrid nara lill-Mulej Ġesù'. Jiġifieri n-nisrani ma jistax jimxi bil-ħsieb, bil-loġika ta' din id-dinja. Jekk jien veru nisrani jien irrid nara lil Kristu f'kull bniedem, anke f'dawk li f'dan il-mument huma mtaqqlin.

Mhux talli hekk, talli Sidna Ġesù Kristu, mhux qalilna x'nagħmlu, imma għamlu hu. Għax faċli li jien ngħid ħaddieħor x'għandu jagħmel, imma Ġesù għamlu hu. Per eżempju, jekk għandek persuna qed tbati, jekk għandek persuna bil-ġuħ, jekk għandek persuna li waslet għall-mewt, kollha jafhom il-Mulej Ġesù għax kollha għadda minnhom. Inkluż li

Sidna Ġesù Kristu kien ukoll il-ħabs qabel ma huwa ra l-mewt. Ġesù qiegħed il-ħabs ukoll. Ġesù qiegħed fost il-ħabsin ukoll. Għax kien fost il-ħabsin u jaf x'jiġifieri tkun fost il-ħabsin. Aħna qegħdin hawnhekk biex infakkru dan kollu.

**Fil-ħabs minħabba l-politika jew ir-reliġjon**

Ġesù qiegħed il-ħabs b'mod differenti.

Illum għandna eżempju ta' wieħed li kien ħabsi, li huwa San Stiefnu.

F'San Stiefnu naraw dawk il-ħabsin li qegħdin hemmhekk mhux għaliex għamlu xi ħaġa ħażina, imma għaliex kienu jemmnu f'xi ħaġa. Nixtieq niftakru fihom: fid-dinja kollha hawn ħafna ħabsin li qegħdin hemmhekk minħabba raġunijiet politiċi, minħabba raġunijiet reliġjużi – għax jemmnu xi ħaġa. Dan huwa importanti għaliex il-ħabs jistgħu jgħixuh – għaliex huma diġà għandhom it-tjubija tiegħu – bħalma għexu Sidna Ġesù Kristu.

Fil-Qari ta' llum rajna lil San Stiefnu li, meta kien il-ħabs, flok għex fir-rabja għaliex kien qed jiġi trattat inġustament, jgħid: 'Mulej f'idejk jien nerħi ruħi' - dak li qal il-Mulej fuq is-Salib. U meta ra lil dawk li kienu qed iħaġġruh, qallu: 'Mulej aħfrilhom, għax anke dawn ma jafux x'inhuma jagħmlu; iżżommulhomx bħala dnub'; maħfra, b'fiduċja f'Alla.

Min-naħa l-oħra, fil-ħabs insibu wkoll lill-Mulej Ġesù għax anke dawk li qegħdin il-ħabs għax għamlu xi ħaġa mhux tajba, għax għamlu xi ħaġa ħażina, il-Mulej qiegħed hemm ukoll għalihom. Tgħidulu, kif? Meta l-Mulej Ġesù kien fuq is-Salib, kien bejn żewġ persuni li wieħed minnhom stess stqarr: 'Aħna qegħdin hawnhekk għaliex għamilna l-ħażin, sraqna'. Ma ddejjaqx jistqarr għaliex hemmhekk sab il-Mulej Ġesù.

Ġesù qiegħed hawnhekk, għal min daħal hawn għaliex għamel xi ħaġa ħażina, biex jagħtih lilu nnifsu u jagħtih proposta ta' ħajja ġdida. Għalhekk ġejt hawnhekk illum jien. Dawk li qegħdin hawnhekk, b'mod speċjali għaliex qegħdin jiskuntaw piena, il-Mulej jista' jkun qiegħed hawnhekk

biex jagħtikom dawl ġdid ħalli meta, jekk il-Bambin irid, anke dan il-mument, dan il-kapitlu jingħalaq, minn hawn toħorġu bil-Mulej Ġesù qrib tagħkom. Din hija l-offerta li jagħmlilkom.

## Meta Ġwanni XXIII żar il-ħabs

Illum jaħbat il-50 sena minn meta l-Papa Ġwanni XXIII mar jara l-ħabsin f'Ruma, l-għada tal-Milied. Fil-Milied mar jara t-tfal morda fi sptar u l-għada mar il-ħabs Regina Coeli (f'Ruma) biex jiltaqa' mal-ħabsin. Għall-Papa Ġwanni XXIII dawn kienu l-privileġġjati li ried iwasslilhom il-Kelma. Ma marx il-knisja. Ma marx post ieħor. Mar il-ħabs.

Nixtieq ngħidilkom li din l-alba li jien liebes illum, hija tiegħu (ta' Ġwanni XXIII). Meta kont se nsir isqof, kien hemm xi ħadd li kiteb lil dak li kien is-segretarju tiegħu, Mons. Loris Francesco Capovilla li tani din l-alba u qalli biex inżommha; qegħda Malta biex tfakkarna fih.

Hemm żewġ affarijiet fil-ħajja tiegħu li nixtieq naqsam magħkom; żewġ messaġġi.

L-ewwel wieħed hu għas-soċjetà kollha.

Darba, meta kont qiegħed fejn kien jgħix hu – hemm mużew – Mons. Capovilla, li kien segretarju għal bosta snin mal-Papa Ġwanni XXIII, qalli din l-istorja:

Darba kien hemm saċerdot li kien qed jgħix mhux tajjeb. Kien hemm min beda jagħfas lis-segretarju biex jgħid lill-Papa ħalli jżommlu iebes. Is-segretarju kellem lill-Papa. Ġwanni XXIII għamel riferenza għal tazza li kellu u staqsa lil Mons. Capovilla jekk it-tazza kenitx tiegħu (tal-Papa). Is-segretarju wieġbu: 'U żgur li tiegħek'. Kisser it-tazza u reġà staqsa lis-segretarju jekk it-tazza kenitx tiegħu. Dan wieġbu li kienet tiegħu. Il-Papa qallu: 'Allura jekk saċerdot żbalja, m'għadux tiegħi?'

Dan hu l-messaġġ li nixtieq nagħti lis-soċjetà. Anke meta aħna nkunu mkissrin, is-soċjetà, b'mod speċjali l-Knisja, xorta kulħadd jibqa' tagħha

u tagħna. Dan irid ikun l-ewwel messaġġ: m'inthomx esklużi; ħadd mhu eskluż. Kollox huwa tagħna u tas-soċjetà.

Ħaġa oħra li xtaqt li naqsam magħkom, forsi sservikom, hija din:

Il-Papa Ġwanni meta kien żgħir, meta kien seminarista, kien jaħdem ħafna biex isir qaddis. Kien jara l-qaddisin u jipprova jimitahom. Fid-djarju tiegħu hemm miktub li ftit qabel ma qaddes, qal hekk: 'Jien la nista' nkun dak il-qaddis, la nista' nkun dak il-qaddis, u lanqas dak il-qaddis. L-uniku ħaġa li nista' nkun - hu kien jismu Angelo Roncalli, bin il-bdiewa – hija Angelo Roncalli li nipprova nsir qaddis'. Hix bidu tajjeb?

Int min int, għamilt x'għamilt, jiena u int, l-uniku ħaġa nista' nkun jiena, Pawlu Cremona – bit-tajjeb, bl-imgħawweġ li għandi ġo fija – li nipprova nsir aħjar. Hijiex filosofija sabiħa tal-ħajja? Tibda mil-lum: 'X'se nagħmel biex insir aħjar?' Hija mixja li l-Mulej qed jipprovdilna.

## Barka

Nagħlaq b'dak li qal il-Papa Ġwanni XXIII ħamsin sena ilu, meta żar il-ħabs:

'U issa nagħtikom il-barka tiegħi. Hija għalikom, iżda anke għall-għeżiez tagħkom li ħallejtu f'darkom u li forsi huma jbatu u fid-dwejjaq anke f'dawn il-jiem tal-ferħ tal-Milied. Issa, illejla, meta tiktbu lil tad-dar tagħkom, għidu lil ommijietkom, lill-mara tagħkom, lil ħutkom li l-Papa ġie biex ifittixkom, u ħares f'għajnejkom, qiegħed qalbu fil-qalb tagħkom u takom il-barka tiegħu. M'għandix aktar x'nista' noffrilkom, iżda qalbi hi hawn, qrib tagħkom, biex inkun magħkom.'

Dan hu l-messaġġ tal-Papa Ġwanni XXIII.

## 26 ta' Diċembru 2008

# Il-Kummissjoni Ambjent tikteb lill-Pulizija dwar ħruq ta' nar wara l-ħin stipulat

Il-Kummissjoni Ambjent tal-Knisja f'Malta wieġbet talba li waslitilha mingħand il-pulizija fl-1 ta Novembru biex tagħti aktar informazzjoni u dettalji dwar il-parti mid-dokument ta' fehma li l-istess kummissjoni ippubblikat xahar ilu dwar l-impatti tal-festi Maltin, fejn inkiteb li kien hemm xi każi fejn il-logħob tan-nar qabeż il-ħin permess mil-liġi (paġna 3).

Fit-tweġiba tagħha lill-pulizija, il-Kummissjoni Ambjent fissret kif id-dokument tagħha hu bbażat fuq riċerka u studju dwar il-livelli ta' ħsejjes kif ukoll dwar il-livelli ta' tniġġiż fl-arja u l-ħamrija kkaġunati mil-logħob tan-nar f'diversi festi f'Malta. Sabiex isir dan kien qed jittieħed l-ħin ta' meta jsir il-monitoraġġ tad-diversi parametri. Kien hawn li ġew innotati l-każi msemmija fejn  il-logħob tan-nar qabeż il-ħin permess mil-ligi. Il-kummissjoni sostniet li dan seta' jindunaw bih kull min kien qed jassisti għal dan il-logħob tan-nar inkluż il-pulizija li normalment ikunu għassa f'dawn il-festi.

Il-għan ta' dawn l-investigazzjonijiet hija r-riċerka u mhux li l-kummissjoni tagħmel għassa hija stess. Infatti, sabiex saret din ir-riċerka, spiss kellu jintalab il-permess ta' dawk li kienu jkunu investigati, speċjalment fejn għandu x'jaqsam it-tniġġiż fil-ħamrija u fl-arja qrib fejn isir il-ħruq tan-nar. Waħda mill-garanziji li l-kummmsjoni tat kienet l-anonimit ta' min kien suġġett għall-istudju. Din hi prattika bażika fir-riċerka. Għalhekk, il-kummissjoni tħoss li ma jkunx xieraq li tgħaddi informazzjoni aktar milli għamlet fid-dokument.

Minbarra dan, iż-żamma ta' din l-informazzjoni ma tikkostitwixxi l-ebda periklu għaċ-ċittadini għax il-fatti li l-kummissjoni rreferiet għalihom diġà seħħew. Madanakollu, dak li qalet il-Kummissjoni Ambjent hu biżżejjed sabiex jiftaħ għajnejn kull min hu responsabbli bil-possibbilt ta' abbuż mir-regolamenti. Il-kummissjoni rrimarkat li l-infurzar ta' dan ir-regolment ma jitlobx xi mpenn ta' barra minn hawn mill-uffiċjali tal-

pulizija li jkunu diġà preżenti fuq xogħol waqt il-festi, speċjalment issa li l-kummissjoni ġibdet l-attenzjoni tagħhom fuq dan l-abbuż.

Il-Kummissjoni innotat li fil-ħarga tal-ġurnal ILLUM tas-26 ta' Ottubru 2008, (jiġifieri ġimgħa qabel ma hi rċeviet il-korrispondenza uffiċjali mill-pulizija) kien irraportat li l-Pulizija kkonfermat mal-istess gazzetta li "f'dawn l-aħħar jiem talbet l-għajnuna tal-Kummissjoni Ambjent tal-Knisja biex ikunu magħrufa liema festi f'Malta u f'Għawdex kisru l-liġi meta baqgħu jaħarqu n-nar wara l-ħin stipulat. Il-Pulizija innotat wkoll li sa dak inhar il-Kummissjoni Ambjent kienet għadha ma weġbitx għat-talba li saritilha."

Huwa wkoll fid-dawl ta' dawn ir-rapporti fil-media li l-kummissjoni ħasset li jkun xieraq li tippubblika t-tagħrif dwar ir-risposta tagħha lill-pulizija.

Il-Kummissjoni Ambjent tixtieq turi l-apprezzament tagħha għall-interess li ntwera mill-Korp tal-Pulizijja u l-ġurnal ILLUM dwar dak li ssemma fid-dokument li ħarġet. Il-kummissjoni ttenni li s-soluzzjoni ta' din il-problema tinsab f'ħidma koordinata mill-awtoritajiet li jfasslu u jinfurzaw il-liġi, mill-mezzi tax-xandir li jqajmu diskussjoni pubblika serja dwar il-kwistjoni, u minn entitajiet oħra nvoluti (bħall-Knisja) li bil-ħidma tagħhom jedukaw u jgħinu sabiex jinqatgħu l-abbużi.

Il-Kummissjoni Ambjent tixtieq turi l-fiduċja tagħha fil-Korp tal-Pulizija u l-impenn tiegħu sabiex jiżgura li l-esaġerazzjonijiet ikunu kkontrollati kemm huwa possibbli u li l-liġi tkun imħarsa. Il-kummissjoni tiżgura lil kulħadd li hi qed taħdem ukoll għall-istess għanijiet.

**03 ta' Novembru 2008**

## Ċirkolari Numru 27

### FESTA TA' KRISTU RE

Il-festa ta' Kristu Re din is-sena se tiġi ċċelebrata nhar il-Ħadd, 23 ta' Novembru. Il-motto magħżul għal din is-sena mill-Kumitat Sena Pawlina biex jiggwidana fiċ-ċelebrazzjoni ta' din il-festa hu: "**Ġbu ruħkom kif jixraq lill-Evanġelju ta' Kristu**. " (Fil. 1:27)

Iċ-ċelebrazzjonijiet djoċesani tal-festa ta' Kristu Re, din is-sena se jsiru b'dan il-programm:

1. Il-Ġimgħa, 21 ta' Novembru, mis-7.30 – 10.00 p.m.: Laqgħa għall-Adolexxenti fiċ-Ċentru Pastorali Ħal Qormi, San Bastjan.
2. Il-Ħadd, 23 ta' Novembru, fl-4.00 p.m.: Ċelebrazzjoni li tikkonsisti f'*feature* dwar it-tema magħżula, diskors minn Mons. Arċisqof u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Din se ssir quddiem il-knisja parrokkjali ta' Ħal Safi.
3.

Fis-6.30 p.m. ikun hemm quddiesa fl-istess knisja parrokkjali.
Mons. Arċisqof irid ukoll li, bi tħejjija għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet djoċesani, fil-knejjes kollha tal-Arċidjoċesi fejn tinżamm l-Ewkaristija ssir adorazzjoni nhar il-Ħamis, 20 ta' Novembru.

### ĠABRA GĦALL-ISKEJJEL TAL-KNISJA

Bħal kull sena, il-Knisja qiegħda tappella għall-ġenerosit tal-membri tagħha biex jgħinuha tipprovdi l-mezzi finanzjarji biex l-iskejjel tal-Knisja f'Malta jkunu jistgħu jkomplu jaqdu u jġibu 'l quddiem il-missjoni tagħhom ta' edukazzjoni ta' eluf ta' tfal u żgħażagħ.
Għal dan il-għan, il-ġbir kollu li jsir fil-quddies tas-Sibt filgħaxija u tal-} add, 15 u 16 ta' dan ix-xahar, se jmur għall-Fond tal-Iskejjel tal-Knisja.
Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, il-Furjana, illum 10 ta' Novembru 2008.

**Dun Anton Gouder, Aġent Vigarju Ġenerali**

**Mons. Lawrence Gatt, Kanċillier**

# STQARRIJIET OĦRA MILL-KURJA

## L-Arċisqof isejjaħ is-Sinodu tal-Isqfijiet bħala esperjenza kbira ta' Knisja, Umanità u Djalogu

Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. iddeskriva s-Sinodu tal-Isqfijiet li sar f'Ottubru bħala esperjenza kbira ta' Knisja, ta' umanità u ta' djalogu.

Mons. Arċisqof qal dan lill-ġurnalisti li attendew Konferenza Stampa li saret fil-Kurja tal-Arċisqof, Floriana, illum, l-Erbgħa, 29 ta' Ottubru 2008, li fiha Mons. Cremona tkellem dwar it-Tnax-il Assemblea Ġenerali Ordinarja tas-Sinodu tal-Isqfijiet, li kienet dwar "Il-Kelma ta' Alla fil-Ħajja u l-Missjoni tal-Knisja".

Is-Sinodu beda fil-5 ta' Ottubru u ntemm il-Ħadd li għadda, 26 ta' Ottubru.

**254 isqof**

Fil-preżentazzjoni tiegħu dwar l-esperjenza tas-Sinodu, Mons. Arċisqof qal hekk:

"Is-Sinodu kien esperjenza kbira ta' Knisja. Kien hemm 254 isqof jieħdu sehem fis-Sinodu, li kienu ġejjin minn 115-il Konferenza Episkopali.

Kienet ukoll esperjenza ta' umanità, għaliex ilkoll ġabu magħhom l-esperjenza tagħhom fl-art minn fejn kienu ġejjin.

Esperjenza minnhom kienet ta' isqof mil-Litwanja. Il-kelma tiegħu kienet li l-fidi ta' llum qegħda fuq l-ispallejn ta' dawk li ġew qabilna. Semma saċerdot li kien maqtul għaliex ma riedx ikasbar il-Kelma ta' Alla, mill-Bibbja.

Kellna wkoll esperjenza sabiħa ta' waħda Russa professoressa tal-Arti Sagri li spjegatilna kif sabet lil Alla. Darba kienet waħedha, u f'daqqa waħda ndunat li ma kenitx waħedha, kienet skopriet lil Alla.

Kienet ukoll esperjenza ta' djalogu. Magħna l-Kattoliċi kellna jieħdu sehem ukoll l-Anglikani, il-Luterani, l-Ortodossi. Kellna wkoll żewġ diskorsi importanti. Wieħed minnhom kien tar-Rabbi (Shear Yashuv) Cohen ta' Haifa li kellimna fuq il-Kelma ta' Alla kif jgħixuha huma fir-reliġjon Lhudija. Imbagħad kellna laqgħa forma ta' talb u ġie l-Patrijarka Ortodoss Bartilmew ta' Kostantinopli li għamel diskors rikonċiljattiv ħafna: meta se naslu biex din l-imbierka Kristjanità nagħmluha waħda. Kien diskors sabiħ ħafna; rikonċiljattiv.

Kienet ukoll esperjenza ta' li qegħdin nixxerjaw, jiġifieri kulħadd kellu ċ-ċans jipprenota biex imbagħad ikun jista' jitkellem. Jien ukoll għamilt il-preżentazzjoni tiegħi. Fiha għidt li jrid ikun hemm trasformazzjoni minn dik li hija r-realtà tal-Knisja li nafu aħna, ta' tletin jew erbgħin sena ilu, għar-realtà li kienet fl-ewwel żminijiet tal-Knisja. Fi ftit kliem kienet realtà li ma kenitx tibża' min-numri. Kienu ftit. Id-dinja kienet barra u ma beżgħux minnha. U Knisja li ma kenitx tibża' mill-kultura, dik Rumana, li ma kenitx taqbel ma' dik li kienu qed jippruvaw iwasslu, imma xorta kellhom il-kuraġġ li jwassluh.

Mument li impressjonani kien meta l-Papa ried jintervjeni, u meta tħabbar li kien se jitkellem il-President tal-Assemblea, il-Papa qal: 'Le, jiena se nitkellem bħala wieħed minnkom. Se nitkellem bħala Ratzinger'. U qal l-opinjoni tiegħu.

**Il-Kelma ta' Alla**

It-tema prinċipali ta' dan is-Sinodu niġborha fi ftit kliem. It-tema kienet il-Kelma ta' Alla; Alla jrid ikellem lill-bniedem. Din il-Kelma f'xi mument saret ktieb, għaliex inkitbet dik li aħna ngħidulha il-Bibbja. Imma r-reliġjon tagħna mhijiex reliġjon tal-ktieb, għax dik inkitbet wara li seħħet. Jiġifieri Ġesù l-ewwel għex, kien il-vuċi, u kien wara li miet li mbagħad kitbu. Jiġifieri l-ewwel kienet il-vuċi qabel ma kienet il-kelma.

Ir-rwol tagħna llum hu li dak il-ktieb nerġgħu nagħmluh kelma; fis-sens li niġbru ġewwa fija, naqrah, imma nagħmlu li jgħix illum, mhux elfejn sena ilu.

Fil-messaġġ li ħareġ fl-aħħar tas-Sinodu kien hemm erba' temi prinċipali.

Il-Kelma ta' Alla trid tkun l-ewwelnett vuċi; Alla li għadu jkellimna; Alla li jkellimna fil-Ħolqien; Alla li jkellimni meta jien inkun għaddej minn mument sabiħ jew ikrah ta' ħajti; vuċi li rrid nkompli nismagħha.

It-tieni, il-Kelma ta' Alla hija wiċċ. Għax ma' kelma kif tista' tagħmel *relationship*? Ma' xi ħadd; u dan ix-xi ħadd hu l-wiċċ: Kristu. Allura trid tkun taf il-Vanġelu: Kristu x għamel; Kristu x'ma għamilx; x'ried; xi xtaq.

It-tielet, il-Kelma trid tkun dar; irid ikollha dar fejn tista' tixxerjaha. Din hi l-knisja. U l-Kelma ta' Alla hija toroq; toroq għax trid tmur twassalha; ma tiqafx ġod-dar, imma trid tipprova dik il-Kelma twassalha.

Tiftakruha dik il-parabbola ta' dak li mar jiżra' u beda jitfa' f'ħafna postijiet? Kien hemm isqof Afrikan li qal li meta qalha l-ewwel darba din il-parabbola, kien hemm wieħed raħħal u qallu: 'Dak il-wieħed li jiżra' kien għażżien, għaliex jien nipprepara l-art, imbagħad immur niżra', mhux bħal dak - jitfagħha kullimkien.' Allura r-riflessjoni kienet li Alla l-Imbierek ma jiddejjaqx jaħli ż-żerriegħa; mhux l–ewwel jippreparaha, imma jaħli u jara fejn taqbad.

Nagħti ftit esperjenzi personali:

X'għandha tagħmel il-Kelma ta' Alla: Kien hemm isqof mill-Messiku li qal li l-Indios tal- Messiku, meta rċevew il-Kelma, wieħed minnhom qallu, "Il-Kelma ta' Alla għallmitni ngħolli rasi'; għax tagħtu d-dinjità.

It-tieni, il-familja: Kien hemm Isqof mit-Tajlandja li qal li, meta għaddew minn mument ta' persekuzzjoni, dak li żammhom lil dawk in-nies - la setgħu jiltaqgħu, la kellhom kotba, ma kellhom xejn – kien biss dak li rċevew mingħand il-ġenituri tagħhom bħala talb, bħala siltiet żgħar tal-Kelma ta' Alla li żammhom għal ħafna snin: l-importanza tal-familja.

It-tielet, kien hemm ħafna insistenza fuq il-gruppi żgħar, b'mod speċjali l-Afrika u l-Asja. Per eżempju kien hemm isqof mis-Sri Lanka qal li hemmhekk għandhom elf grupp immexxi minn elf u ħames mitt katekist li ġew iffurmati mill-Kelma ta' Alla.

Bħala Knisja hemm xift. Aħna qabel konna nitkellmu dwar pastorali Biblika; jiġifieri l-Knisja tibqa' miexja, imma mbagħad tipprova tagħmel il-Bibbja, tipprova tmexxi l-Bibbja. Issa l-kontra: Il-Bibbja li trid issir pastorali. Jiġifieri Katekisti, aħna s-saċerdoti fil-formazzjoni tagħna, irridu nibdew billi nkunu nafu l-Kelma ta' Alla u mbagħad nagħmluha Knisja llum. Imma minnha trid tibda. Anke l-Katekiżmu, jekk qed tgħallem il-katekiżmu jrid ikollok bażi kbira tal-Kelma ta' Alla.

Ir-raba' ħaġa hija ż-żgħażagħ. Kellna l-esperjenza ta' dak li huwa l-pirjol ta' Taize'. Qalilna dwar kemm imorru żgħażagħ hemmhekk. Qal li l-forma kif jagħtuha huma hija li jagħżlu siltiet żgħar, jagħżlu wkoll salmi li jkunu repetuti, 'inħallulhom ftit mumenti ta' skiet, imbagħad fl-aħħar nagħmlu s-salib, biex ikun hemm xi ħaġa viżibbli, u jagħtu dik l-esperjenza spiritwali'.

L-aħħar ħaġa: Aħna, bħala Insara, il-Kelma ta' Alla trid tkun mhux biss formattiva, imma trid tkun performattiva. Performattiva jfisser trid toħroġ xi ħaġa minni. Hawnhekk għandek l-għaqda mas-Sagramenti, b'mod speċjali mal-Ewkaristija.

Nagħlaq b'din l-esperjenza: Kien hemm wieħed li ikkonverta minn wieħed mill-movimenti nsara mhux kattoliċi, li meta tkellem dwar għaliex ikkonverta qal li waqt li qabel kellhom il-Kelma ta' Alla, issa 'għandna wkoll lil Alla tal-Kelma fl-Ewkaristija'. Jiġfieri qabel kellu xi ħaġa nieqsa. Qal li meta kien fil-grupp kellhom il-Kelma, kellhom il-Bibbja, bħalma għandna aħna. Meta skopra l-fidi tagħna mhux biss għandu l-Kelma ta' Alla imma għandu Alla li hu preżenti fl-Ewkaristija."

## Sena Pawlina

Fil-Konferenza Stampa, Mons. Charles Cordina, Segretarju Pastorali ta wkoll tagħrif dwar l-inizjattivi li twettqu diġà u li qed ikomplu jsiru fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina 2008-2009.

Dawn l-inizjattivi jinkludu diversi pubblikazzjonijiet kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, u minn Ordnijiet Reliġjużi. Hemm kotba dwar San Pawl li ġew tradotti fil-Malti u ġew ippubblikati, inkitbu bosta artikoli f'ħafna rivisti, u ġew stampati għadd kbir u varju ta' posters, santi u *bookmarks*.

Inizjattivi prinċipali oħrajn huma dawn:

- Is-Soċjetà tal-MUSEUM ħejjiet DVD li qed jintuża f'laqgħat ta' formazzjoni dwar it-tagħlim ta' San Pawl. L-istess Soċjetà organizzat ukoll 39 ġimgħa ta' tagħlim f'39 parroċċa, kif ukoll numru ta' irtiri spiritwali. Qed iħejju wkoll *musical* għat-tfal.

- Minn Ottubru 2008 sa Marzu 2009 qed isir kors ta' laqgħat darba fil-ġimgħa, fl-Istitut Kattoliku, Floriana, dwar San Pawl.

- F'Għawdex inbdiet Missjoni Djoċesana b'laqgħat ta' formazzjoni bbażati fuq it-tagħlim ta' San Pawl.

- Ordnijiet Reliġjużi organizzaw u qed ikomplu jorganizzaw laqgħat ta' katekeżi.

- Saru żewġ settijiet ta' kwizz għat-tfal.

- Tagħlim ta' formazzjoni dwar San Pawl u t-tagħlim tiegħu qed isir ukoll fi programmi tar-radju maħsubin apposta jew permezz ta' *slots* fi programmi regolari.

- Din il-ġimgħa se tibda wirja ta' ikoni fiċ-Ċentru Animazzjoni u Komunikazzjoni (ĊAK), f'Birkirkara.

- Hareġ film Malti dwar San Pawl li qed jintwera f'ċinema fil-belt Valletta.

- Il-Kumitat Ċentrali tas-Sena Pawlina ħejja esibizzjoni dwar San Pawl li qed iddur il-parroċċi.

Fost l-inizjattivi li qed jiġu mħejjija għall-ġejjieni hemm ċelebrazzjoni kateketika fil-knejjes tal-belt Valletta, mibnija fuq l-Ittri ta' San Pawl. F'kull knisja se jkun hemm esperjenza żgħira ta' drama fuq Ittra ta' San Pawl waqt li saċerdot jagħmel preżentazzjoni qasira ta' katekeżi. Fil-Knisja ta' San Pawl Nawfragu, fejn ikun hemm l-Isqfijiet, issir Lituġija ta' talb. Dan se jkun nhar il-Ħadd, 8 ta' Frar, jumejn qabel il-Festa ta' San Pawl Nawfragu, mit-3.00pm sas-7.00pm u n-nies ikunu jistgħu jmorru minn knisja għal oħra.

F'Mejju li ġej se jsir ukoll, għall-ewwel darba, Oratorju miktub minn Mro. Carlo Diacono fuq San Pawl. Il-preżentazzjoni se ssir fil-KonKattidral ta' San Ġwann.

Fil-Konferenza Stampa, ir-rappreżentanti tal-media setgħu jaraw is-sett ta' sitt *banners* dwar il-ħajja u t-tagħlim tal-Appostlu San Pawl li qed jiġu esibiti f'diversi parroċċi f'Malta u Għawdex. Il-*banners* juru l-martirju ta' San Stiefnu, il-konverżjoni ta' San Pawl, id-dehra misterjuża ta' San Pawl, il-vjaġġi ta' San Pawl, San Pawl f'Malta, u l-martirju ta' San Pawl. Kull sett ta' *banners* idum ġimgħatejn f'parroċċa biex hekk tingħata opportunità lis-saċerdoti tal-parroċċa biex jirreferu għalihom fil-katekeżi tagħhom.

**29 ta' Ottubru 2008**

## Il-Kurja tal-Arċisqof fil-Festa tal-Qaddisin Kollha

L-uffiċċji kollha tal-Kurja tal-Arċisqof (Floriana), inkluż l-Uffiċċju taż-Żwiġijiet, kif ukoll l-uffiċċji tat-Tribunal Ekkleżjastiku (Valletta) se jkunu magħluqin għall-pubbliku nhar is-Sibt, l-1 ta' Novembru, Festa tal-Qaddisin kollha.

**28 ta' Ottubru 2008**

## Ordinazzjoni ta' Tmien Djakni Ġodda

Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Ottubru 2008, fis-6.30pm se jmexxi Konċelebrazzjoni, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar, li fiha se jordna bħala djakni lil Bro. David Borg OFM Conv, Nicholas J. Doublet (Birkirkara – Sant'Elena), Bro. Victor Paul Farrugia O.Carm, Bro. Daniel Galea O.Carm, Keith Scicluna (Żabbar), Luke Seguna (Tarxien), Andrea Zaffarese (Attard) u Ronnie Zammit (Attard).

Permezz ta' l-Ordinazzjoni tad-Djakonat, id-djakni l-ġodda jirċievu l-Ordni Sagri li jagħmilhom xebh ma' Ġesu' Kristu, li ried ikun 'djaknu', jiġifieri qaddej ta' kulħadd.

Id-dmirijiet tad-djaknu huma li jassisti lill-Isqof u lis-saċerdoti fiċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, l-aktar ta' l-Ewkaristija, li jamministra s-sagrament tal-Magħmudija, jassisti għaż-żwieġ u jbierku, ixandar l-Evanġelu u jippriedkah, li jmexxi l-funerali, u fuq kollox li jiddedika ħajtu għal kull qadi ta' mħabba.

Il-Komunita' tas-Seminarju qed tħeġġeġ lil kulħadd biex jitlob għal dawn id-Djakni ġodda, u biex il-Mulej ikompli jsejjaħ aktar żgħażagħ biex jimxu warajh fil-ħajja saċerdotali u reliġuża.

**24 ta' Ottubru 2008**

## Seminars dwar il-Mara bħala Don ta' Alla

Il-Kumitat li Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. ħatar bl-inkarigu li jorganizza attivitajiet biex jitfakkar l-20 anniversarju ta' l-Ittra Apostolika *Mulieris Dignitatem* li l-Papa Ġwanni Pawlu II ħareġ fl-1988 dwar id-dinjità u l-vokazzjoni tal-mara, qed jorganizza tliet seminars bit-tema: 'Ngħix ta' Nisrani llum – Niskopru l-mara bħala don ta' Alla'.

Is-seminars se jsiru flimkien mal-Istitut Formazzjoni Pastorali u se jkunu presjeduti minn Marselle Delicata, Chairperson tal-Kumitat Organizzattiv. Kull

L-ewwe seminar se jsir nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Novembru, fl-Istitut Kattoliku, Floriana, fis-7.00pm. Is-suġġett ikun: 'Niskopru l-Mara bħala Don ta' Alla fid-dinja tax-xogħol'. Ikun hemm żewġ taħditiet: 'Il-Mara fuq il-post tax-xogħol', minn Antoinette Caruana; 'Ir-raġel bħala għajnuna u appoġġ għall-mara li taħdem', minn Vincent Grech, li se jkun akkumpanjat minn martu, Mary Lourdes

It-tieni seminar se jsir nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Novembru, fl-Istitut Kattoliku, Floriana, fis-7.00pm. Is-suġġett ikun: 'Niskopru l-Mara bħala Don ta' Alla fil-qasam tat-tmexxija'. Ikun hemm żewġ taħditiet: 'Il-Mara fi rwol ta' tmexxija', minn Lara Tonna; 'Il-Mara, strument ta' paċi u ġustizzja', mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke.

It-tielet seminar se jsir nhar l-Erbgħa, 19 ta' Novembru, fl-Iskola Santa Monika, Gżira, fis-7.00pm. Is-suġġett ikun: 'Niskopru l-Mara bħala Don ta' Alla fil-Familja u s-SocjetàĐ'. Ikun hemm żewġ taħditiet: 'Ġenituri flimkien, trobbija flimkien', minn Antoinette u Claudio Laferla; 'Ix-Xebba u l-kontribut tagħha lejn is-soċjetà', minn Maria Attard.

L-għeluq tat-tielet u l-aħħar seminar isir minn Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P.

**31 ta' Ottubru 2008**

## L-Arċisqof dwar il-Mara fis-Soċjetà

F'intervent dwar il-mara fis-soċjetà, Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. tkellem dwar kif in-nisa ta' llum ġustament jippretendu li jiġu rikonoxxuti aħjar l-identità, l-abilità, il-missjoni u r-responsabbiltà tagħhom.

Mons. Arċisqof kien qed jitkellem f'għeluq it-tielet u l-aħħar seminar bit-tema: 'Ngħix ta' Nisrani llum – Niskopru l-mara bħala don ta' Alla', organizzati minn Kumitat maħtur minnu bl-inkarigu li jorganizza attivitajiet biex jitfakkar l-20 anniversarju ta' l-Ittra Apostolika *Mulieris Dignitatem,* li l-Papa Ġwanni Pawlu II ħareġ fl-1988 dwar id-dinjità u l-vokazzjoni tal-mara.

**Dawl għal kull nisrani**

Fl-intervent tiegħu, Mons. Arċisqof qal:

"L-ewwelnett, nixtieq nirringrazzjakom talli laqqajtu dan is-seminar dwar il-mara fis-soċjetà tagħna. Huwa importanti għaliex dejjem iktar il-Kelma ta' Alla, li hija dawl għal kull nisrani fuq il-valuri, trid tiltaqa' u timxi mal-mixja kulturali tas-soċjetà, għall-ġid komuni tas-soċjetà u tal-membri kollha li jiffurmawha. B'hekk Alla, li fil-Kelma tiegħu joħroġ l-għerf, u li ta d-dehen naturali tal-bniedem biex imexxi 'l quddiem is-soċjetà, jaħdmu flimkien.

"Naħseb li din is-sitwazzjoni tiġi deskritta b'mod tajjeb fl-Eżortazzjoni Appostolika *Christifideles Laici:* 'Biex tiġi żgurata l-preżenza li jistħoqqilha l-mara fil-Knisja u fis-soċjetà, jenħtieġ li jkun hemm għarfien iktar fil-fond u aktar eżatt tal-pedament antropoloġiku tal-qagħda tar-raġel u tal-mara, qagħda li turi b'mod eżatt l-identità tal-mara bħala persuna fir-relazzjoni tagħha mar-raġel, identità li tagħżilha minnu u fl-istess ħin turi li l-mara u r-raġel jeħtieġu lil xulxin għal kollox, u dan mhux biss dwar kif għandhom jaqdu dmirijiethom u dwar dak li għandhom jagħmlu skont in-natura proprja tagħhom, imma wkoll, u dan iktar fil-fond dwar dak li għandu x'jaqsam mal-istess struttura tagħhom u mat-tifsir tagħhom bħala persuni' (1989: n.50).

"Naħseb li dokument ieħor tal-Knisja jagħtina dawl ieħor kif inħarsu lejn din ir-realtà:

- Id-dinjità tal-mara hija sinjal tal-imħabba tenera tal-Mulej lejna fid-dedikazzjoni tagħha;

- Iżda dan irid jiġi rifless fl-istqarrijiet tan-nisa llum: in-nisa "ġustament jippretendu li jiġu rikonoxxuti aħjar l-identità, l-abilità, il-missjoni u responsabbiltà tagħhom". L-irġiel m'għandhomx jieħdu dan bħala theddida iżda bħala għajnuna għalihom: "is-*self-awareness* tagħhom tgħin lill-irġiel biex jagħtu ħarsa ġdida lejn il-mod kif huma jħarsu lejn l-affarijiet, il-mod kif iħarsu lejhom infushom, fejn ipoġġu lilhom infushom fl-istorja, u kif jinterpretawha, u l-mod li jorganizzaw il-ħajja soċjali, politika, ekonomika, reliġjuża u ekkleżjastika." Dan il-feminiżmu ġdid irid ineħħi t-tentazzjoni li jkun imitazzjoni biss tad-dominazzjoni tar-raġel.

- Għalhekk il-bżonn 'li jitħalla spazju biex jieħdu sehem in-nisa – anke fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet' (*Vita Consacrata*, 25 ta' Marzu, 1996: nn 57,58).

"Nawgura riflessjoni dejjem iktar profonda fuq din il-preżenza tal-mara fis-soċjetà u l-Knisja tagħna bid-dinjità speċifika kollha tagħha."

**Tliet seminars**

Is-seminars saru flimkien mal-Istitut Formazzjoni Pastorali u kienu presjeduti minn Marselle Delicata, Chairperson tal-Kumitat Organizzattiv.

L-ewwel seminar sar nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Novembru, fl-Istitut Kattoliku, Floriana. Is-suġġett kien: 'Niskopru l-Mara bħala Don ta' Alla fid-dinja tax-xogħol'. Kien hemm żewġ taħditiet: 'Il-Mara fuq il-post tax-xogħol', minn Antoinette Caruana; 'Ir-raġel bħala għajnuna u appoġġ għall-mara li taħdem', minn Vincent Grech, li kien akkumpanjat minn martu, Mary Lourdes

It-tieni seminar sar nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Novembru, fl-Istitut Kattoliku, Floriana. Is-suġġett kien: 'Niskopru l-Mara bħala Don ta' Alla fil-qasam tat-tmexxija'. Kien hemm żewġ taħditiet: 'Il-Mara fi rwol ta' tmexxija', minn Lara Tonna; 'Il-Mara, strument ta' paċi u ġustizzja', mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke.

It-tielet seminar sar nhar l-Erbgħa, 19 ta' Novembru, fl-Iskola Santa Monika, Gżira. Is-suġġett kien: 'Niskopru l-Mara bħala Don ta' Alla fil-Familja u s-SocjetàĐ'. Kien hemm żewġ taħditiet: 'Ġenituri flimkien, trobbija flimkien', minn Antoinette u Claudio Laferla; 'Ix-Xebba u l-kontribut tagħha lejn is-soċjetà', minn Maria Attard. Imbagħad sar l-indirizz ta' għeluq minn Mons. Arċisqof.

**21 ta' Novembru 2008**

## Festa ta' Kristu Sultan 2008

Fil-Festa ta' Kristu Sultan ta' din is-sena, il-Knisja f'Malta qed tistieden lill-membri kollha tagħha biex jirriflettu fuq it-tema: "Ġibu ruħkom kif jixraq lill-Evanġelju ta' Kristu" (Fil. 1:27). Il-motto ntagħżel mill-Kumitat Sena Pawlina 2008-2009. L-attivitajiet ta' l-okkazjoni se jkunu tlieta.

Il-Ġimgħa, 21 ta' Novembru, fis-7.30pm, issir laqgħa għall-adolexxenti fiċ-Ċentru Pastorali tal-Parroċċa ta' San Sebastjan, Ħal Qormi.

Il-Ħadd, 23 ta' Novembru, fl-4.00pm issir Manifestazzjoni Djoċesana quddiem il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Safi. Il-programm jinkludi *feature*, diskors minn Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P,. u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Fis-6.30pm tibda Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Safi.

**14 ta' Novembru 2008**

## Kappillan ġdid għall-Parroċċa San Gejtanu, Ħamrun

Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. innomina lil Dun Henry Balzan bħala Kappillan tal-Parroċċa San Gejtanu, Ħamrun.

Dun Henry, li huwa mill-Ħamrun, twieled fl-1 ta' Novembru 1963 u ġie ordnat saċerdot fl-1991. L-ewwel servizz tiegħu kien bħala Viċi-Parroku fl-Imsida.

F'Novembru 1995 Dun Henry mar Copiapo, iċ-Ċile, fejn ħadem f'diversi parroċċi. Huwa rritorna Malta f'Jannar 2008. Fix-xhur li għaddew ta servizz pastorali fil-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar.

**18 ta' Novembru 2008**

## Diploma fl-Istudji ta' Kawżi dwar Żwieġ fil-Knisja

Sebgħa u erbgħin (47) persuna, l-iżjed Avukati gradwati fil-Liġi, li temmew b'suċċess il-Kors ta' Diploma fl-Istudji dwar Kawżi ta' Żwieġ Kanoniku, Ġurisprudenza u Proċedura, se jirċievu d-Diploma tagħhom f'ċerimonja li se ssir nhar it-Tlieta, 25 ta' Novembru 2008, fis-6.00pm, fil-Palazz tal-Arċisqof, Valletta.

Dan il-Kors inbeda mill-Konferenza Episkopali Maltija, taħt l-awspiċi u d-direzzjoni tat-Tribunal Metropolitan. L-ewwel Kors beda fl-1994. Din hija s-sitt darba li l-Konferenza Episkopali qed tagħmel iċ-ċerimonja tal-Preżentazzjoni ta' Diploma lil parteċipanti fil-Kors 2006-2008 li temmewh b'suċċess.

Fl-istess ċerimonja, li se tkun presjeduta minn Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P., barra li jitqassmu d-diplomi, numru mill-Avukati li se jirċievu d-Diploma se se jieħdu wkoll il-ġurament biex ikunu awtorizzati jassistu fil-kawżi quddiem it-Tribunali Ekkleżjastiċi.

Għal din l-okkażjoni, it-Tribunal Ekkleżjastiku stieden lil Monsinjur Joaquín Llobell, Professur fil-Liġi Proċesswali Kanonika, fl-Universit Pontifiċja tas-Santa Croce, Ruma, biex jagħti taħdita dwar "L-identit tal-fatti li jirrendu żwieġ null fid-deċiżjonijiet ekwivalentement konformi (Istr. «*Dignitas connubii*» art. 291 § 2)".

**21 ta' Novembru 2008**

# Kummissjoni tal-Knisja għat-Tfal u Kunsill tat-Tfal magħżul minn Tfal mill-Parroċċi Kollha

Fil-Knisja f'Malta twaqqfu Kummissjoni għat-Tfal u Kunsill tat-Tfal. Il-Kummissjoni għat-Tfal hija magħmula minn erba' adulti mmexxija minn Delegata tal-Arċisqof, waqt li l-Kunsill tat-Tfal se jkun magħmul minn 16-il tifel u tifla magħżulin minn tfal mill-parroċċi kollha, li magħhom se jkun hemm ukoll tmint itfal oħra li jagħtu l-kontribut tagħhom fl-attivitajiet li jiġu organizzati. Il-pjan hu li jkun hemm laqgħat darba fix-xahar bejn il-Kummissjoni għat-Tfal u l-Kunsill tat-Tfal.

L-inizjattiva tnediet illum, is-Sibt, 22 ta' Novembru 2008, waqt Assemblea tat-Tfal li saret fl-okkażjoni ta' Jum it-Tfal u taċ-ċelebrazzjoni tal-Festa ta' Kristu Sultan, fl-Iskola Santa Monika, Gżira.

Fl-Assembea, li kienet tinkludi Quddiesa ċelebrata minn Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P., ħadu sehem tifla u tifel bejn it-tmienja u t-12-il sena, minn kull waħda mis-70 parroċċa ta' Malta.

**Nisrani aħjar ikun ċittadin aħjar**

Meta tkellem mal-ġurnalisti dwar l-inizjattiva, Mons. Arċisqof qal li l-kontribut tal-Kummissjoni għat-Tfal u l-Kunsill tat-Tfal għandu żewġ livelli: "Huwa livell ta' Knisja għaliex lil dawn it-tfal se ngħinuhom biex bil-mod il-mod jikbru b'mod li l-Kelma ta' Alla tkun f'qalbhom; u nafu li jekk wieħed ikun nisrani aħjar se jkun ċittadin aħjar".

Mons. Cremona qal li jekk flimkien ma' dak li t-tfal jirċievu fil-familja u fl-iskola, ikollhom ukoll l-għajnuna fil-Knisja biex it-tfal jitrawmu b'mod li jkollhom sens ta' komunità li qed tikber proprju fil-Kelma ta' Alla, dan ukoll ikun kontribut li l-Knisja tagħti lis-soċjetà Maltija, "ħalli dawk il-valuri li għallimna Ġesù – l-imħabba, solidarjetà, ġustizzja – nitrawmu fihom mindu nkunu żgħar u mbagħad neżerċitawhom iktar 'il quddiem, iktar bil-qawwa".

Nisrani li jemmen fil-valuri ta' Kristu u jiġi mrawwem fihom – valuri fejn it-tfal jiltaqgħu flimkien, ikunu kapaċi jħobbu lil xulxin, kapaċi

jitkellmu fuq affarijiet sbieħ ma' xulxin - dan se jkun ukoll kontribut u investiment kbir għas-soċjetà Maltija. "Jekk ikollha dan it-timbru se tkun soċjetà aħjar."

Mons. Arċisqof sejjaħ ir-rwol tat-tfal fil-Kunsill tat-Tfal bħala importanti ħafna. Mons. Cremona spjega: "Aħna waqqafna Kummissjoni għat-Tfal li hija magħmula minn erba' persuni adulti. Imma magħhom se jkollhom Kunsill tat-Tfal. Jiġifieri din il-Kummissjoni ma tagħmilx l-affarijiet hi, imma hija trid titkellem ukoll mat-tfal biex tara ftit id-dwal li jagħtu t-tfal".

"Il-mod – ħa ngħid hekk – iktar sempliċi kif it-tfal jifhmu l-affarijiet se jkun ta' għajnuna kbira għalina biex inwasslu l-messaġġ totali. Aħna l-messaġġ tagħna se jkun fuq livelli differenti. Se jkun fuq livell ta' Knisja, jiġifieri l-mod kif il-Knisja tkun iktar qrib it-tfal u t-tfal jifhmu iktar dak li hemm fil-Knisja u madwarhom, imma mbagħad il-Kummissjoni trid tidħol ukoll f'relazzjoni ma' dawk kollha li qegħdin jaħdmu favur it-tfal".

Mons. Arċisqof qal li kemm fuq livell ta' tfal, ta' adolexxenti u ta' żgħażagħ hemm qawwa ta' kreattività. "Jekk jirnexxilna nagħtuhom il-qawwa biex huma juruna dak li jagħmel sens għalihom, naħseb li kemm il-Knisja u kemm is-soċjetà għandna x'nirbħu".

**L-inkarigu tal-Kummissjoni**

Il-Kummissjoni għat-Tfal se tkun immexxija mis-Sinjorina Elizabeth Pisani, bħala Delegata tal-Arċisqof. It-tliet persuni adulti magħżulin biex jgħinu lis-Sinjorina Pisani fis-servizz tagħha bħala Delegata huma Sr. Anna Sammut OSA, is-Sinjura Philippa Buhagiar u s-Sur Maurizio Salerno.

Il-Kunsill tat-Tfal ikun għal tliet snin.

Il-Kummissjoni għat-Tfal se jkollha l-inkarigu li tara li fil-Knisja u fis-soċjet jingħata każ ta' dak li għandhom xi jgħidu t-tfal; tara li fil-Knisja t-tfal jagħtu sehemhom u tieħu parir dwar dak li jsir għalihom; tgħaqqad flimkien lil dawk li jaħdmu mat-tfal; tgħin lit-tfal jikbru b'valuri nsara.

Il-Kummissjoni trid ukoll tara li f'kull parroċċa jkun hemm Kummissjoni Tfal; tara li permezz tal-Kunsill magħmul mit-tfal jingħataw l-opportunit li jesprimu ħsibijiethom; tgħin lill-kappillani sabiex it-tfal jieħdu sehem aktar fil-parroċċa; tagħmel riċerka dwar sitwazzjonijiet li t-tfal isibu ruħhom fihom; issemma' leħinha f'isem it-tfal dwar suġġetti li jolqtu lilhom; iżżomm kuntatt ma' għaqdiet fil-Knisja u fis-soċjet li jieħdu interess fit-tfal; tara li t-tagħlim li ħiereġ mill-Knisja jkun jista' jiftiehem mit-tfal; tressaq suġġerimenti lill-Arċisqof dwar x'għandu jsir fil-Knisja favur it-tfal.

**22 ta' Novembru 2008**

# Ir-Rapport Finanzjarju Pastorali tal-Arċisqof għas-Sena 2007

Ir-Rapport Finanzjarju Pastorali tal-Arċidjoċesi ta' Malta għas-Sena 2007 ġie ppreżentat f'Konferenza Stampa li saret fil-Kurja tal-Arċisqof, Floriana, il-Ġimgħa, 28 ta' Novembru 2008. Indirizzaw il-Konferenza Stampa Mons. Charles Cordina, Segretarju Pastorali, Mons. Anton Portelli, Segretarju Amministrattiv u s-Sur Robert Agius, Kontrollur Finanzjarju. Dan li ġej hu t-test tar-Rapport:

Is-Sinodu Djoċesan (1999-2003) offra lill-Knisja f'Malta sfida fejn riedet "tgħarbel lilha nnfisha, il-pastorali tagħha, u l-metodi li tuża, biex kull persuna, f'kull sitwazzjoni tal-ħajja u f'kull sitwazzjoni morali, tħoss li hija milqugħa u megħjuna. Dan għandu jsir ukoll f'forom ta' pastorali ta' diversi oqsma speċjalizzati" (Kultura Soċjetà Knisja, 9).

Huwa għalhekk li, f'dawn l-aħħar snin, fid-dawl ta' żewġ pjani pastorali (2005-2006, 2007-2008) li ħarġet, il-Knisja f'Malta ħasset il-ħtieġa li ssaħħaħ il-ħidma pastorali tagħha b'inizjattivi ġodda, b'tisħiħ fis-servizzi tagħha, b'impenn fil-formazzjoni tal-operaturi pastorali tagħha, bit-twaqqif u t-tisħiħ tal-istrutturi pastorali tagħha, u bl-irranġar għaż-żminijiet ta' llum tal-postijiet kemm tal-kult, kif ukoll taċ-ċentri pastorali.

Dan kien, għadu u jibqa' jfisser spejjeż ġodda biex tirranġa l-qadim u toħloq il-ġdid. Għalkemm matul is-snin naraw li żdiedu l-offerti tal-insara Maltin, li huma jagħtu b'ġenerożità kbira, jibqa' l-fatt li żdiedu wkoll l-ispejjeż biex il-Knisja f'Malta żżomm u ssostni l-operat pastorali tagħha.

**Iż-żieda fl-ispejjeż**

Fis-sena 2007 kellna żieda fl-ispejjeż ta' pagi għall-impjegati. Din iż-żieda ġiet minħabba li żdied in-numru tal-impjegati mal-Arċidjoċesi. Fil-fatt, issa hemm 829 impjegat lajk, barra l-259 saċerdot li wkoll jieħdu remunerazzjoni mid-djoċesi. Dan ifisser żieda ta' 42 impjegat ġdid mis-sena ta' qabel.

Kien hemm żieda wkoll fl-ispejjeż ta' xogħlijiet u tiswijiet. Dawn l-ispejjeż żdiedu b'aktar minn nofs miljun Lira Maltija fuq is-sena ta' qabel.

Kien hemm żieda wkoll fl-ispejjeż tat-Tribunal Ekkleżjastiku. Kollox ma' kollox, it-Tribunal Ekkleżjastiku spiċċa s-sena 2007 b'telf ta' Lm124,284. Il-Knisja f'Malta qed toħroġ dawn il-flus hi stess biex tagħti servizz tajjeb u kemm jista' jkun malajr lil min ikollu bżonn jersaq quddiem it-Tribunal Ekkleżjastiku f'sitwazzjoni personali xejn sabiħa. Dan ifisser li l-Arċidjoċesi qed tissussidja kull kawża b'medja ta' kważi Lm1,500.

**Jikbru s-sussidji**

Fejn jidħlu s-sussidji li l-Arċidjoċesi qed toħroġ biex iżżomm parti mill-operat pastorali tagħha, dawn żdiedu wkoll konsiderevolment. Fil-fatt, is-sussidji fis-sena 2007 kienu ta' Lm419,000, żieda ta' Lm121,000 fuq is-sena ta' qabel. Dawn is-sussidji marru l-aktar fid-Djar tal-Anzjani u tat-Tfal, u l-Media.

Għad-Djar tal-Anzjani u tat-Tfal, ]ar[u sussidji li jlaħħqu Lm239,000.

Fejn tid]ol il-media tal-Knisja, l-RTK għamel telf ta' Lm58,000. Dan barra li ngħatat donazzjoni ta' Lm14,000 għal-*lift*, biex l-*istudios* tal-RTK isiru aċċessibbli għall-persuni b'diżabiltà. Dan ifisser telf ta' sitt elef lira (Lm6,000) aktar mis-sena ta' qabel.

Ta' min isemmi li għalkemm l-RTK dejjem joħroġ b'telf, mill-banda l-oħra kull sena jagħti kontribut fiż-żewġ kampanji li jorganizza b'riżq id-Dar tal-Providenza, l-Uffiċċju Ċentrali tad-Djar tat-Tfal, Taqsima Refuġjati, Dar tal-Kleru u Familji fil-Bżonn Għawdxin. Fis-sena 2007 f'dawn il-kampanji nġabru aktar minn Lm200,000.

Il-gazzetta Il-ĠensIllum kellha telf ta' Lm35,000, li huwa Lm11,000 anqas mis-sena ta' qabel. It-TV Unit kellu l-istess telf tas-sena ta' qabel, jiġifieri ta' Lm12,000.

Anki fejn tidħol il-ħidma tal-katekeżi, kellna żieda fl-ispejjeż amministrattivi, tant li kellna telf ta' Lm1,900, jiġifieri Lm600 iżjed mis-sena ta' qabel.

**Entitajiet li marru tajjeb**

L-uniċi entitajiet tal-Knisja li marru tajjeb kienu d-Dar tal-Providenza, il-parroċċi u l-Katidral.

Wara t-telf li kellha s-sena ta' qabel, l-amministrazzjoni tad-Dar tal-Providenza ħadet ħsieb li tagħmel appelli għall-ġenerożità tal-poplu. Dawn taw riżultat pożittiv, tant li d-Dar kellha bilanċ favorevoli ta' Lm383,000. Dan għax waqt li l-ispejjeż żdiedu b'Lm59,000, kien hemm dħul ta' Lm455,000 aktar mis-sena ta' qabel.

Il-parroċċi u l-Katidral kellhom riżultati simili bħal tas-sena ta' qabel. Dan ġara l-aktar għaliex l-ispejjeż fuq xogħlijiet ta' tiswija u proġetti oħra kapitali, għalkemm żdiedu, baqgħu fuq livell relattivament baxx meta mqabbla mal-ispejjeż ta' dawn l-aħħar snin. Ir-riżultati pożittivi kienu miksuba wkoll minħabba żieda fin-numru ta' viżitaturi u fil-miżati tal-Mużew tal-Katidral tal-Imdina li kienet aktar minn Lm100,000.

Fejn jidħlu l-parroċċi kellna żieda fid-dħul permezz tal-ġbir u l-investimenti. Iż-żieda fil-ġbir kienet l-ewwel darba li seħħet mis-sena 2001. Dan huwa marbut ukoll mal-fatt li kien hemm żieda fix-xogħlijiet li saru f'diversi parroċċi u allura saru appelli għal donazzjonijiet aktar ġenerużi.

Fejn jidħol id-dħul mill-investimenti in ġenerali kien hemm żieda ta' Lm177,000. Din iż-żieda kienet ħafna minnha dovuta mill-arretrati ta' interessi li d-Djoċesi rċeviet fuq l-aġġustamenti taċ-*Church Bonds.* Fl-2006 ma kienx hemm dan id-dħul. Meta wieħed ineħħi dan l-effett taċ-*Church Bonds,* id-dħul ikun anqas mis-sena 2006. Din is-sena, l-investimenti ntlaqtu ħażin mir-rati tal-kambju tal-isterlina u d-dollaru fejn dawn iddagħjfu b'10% u bi 12% rispettivament.

## Volontarjat imprezzabbli

Wieħed ikun qed jonqos, fi preżentazzjoni bħal din, jekk ma jsemmix il-fattur tal-volontarjat. Dan hu valur li ta' min isostnih għax minnu nnifsu joħloq kultura tal-għotja li jgħin għat-tisħiħ tal-personalità ta' kull individwu li joffri ħin għall-ġid ta' ħaddieħor. Dan iħalli effett tajjeb anki fis-soċjetà għas-sens ta' solidarjetà bejnietna.

Huwa kontribut kbir is-servizz li joffru volontarjament bosta persuni fid-diversi Segretarjati u Kummissjonijiet tal-Arċidjoċesi fejn dawn ikunu disponibbli biex jagħtu ħinhom f'laqgħat fejn jinħmew l-ideat, jingħataw pariri, u ssir il-ħidma ta' ippjanar u organizzazzjoni.

Huwa kontribut kbir ukoll is-servizz li joffru volontarjament bosta persuni f'ħidmiet pastorali konkreti fid-diversi parroċċi, bħalma huma t-tagħlim tal-katekiżmu lit-tfal u l-adolexxenti, l-animazzjoni tal-quddies u s-sagramenti, l-għajnuna lil dawk li huma fil-bżonn, il-ħidma pastorali li ssir mal-anzjani, miżżewġin, żgħażagħ u tfal.

Huwa wkoll kontribut kbir is-servizz li joffru volontarjament bosta persuni f'għajnuna teknika, manwali, professjonali u f'xogħlijiet ta' qadi li bihom jaqsmu ma' ħaddieħor it-talenti li fdalhom il-Mulej.

Dan kollu jammonta għal ħinijiet twal ta' volontarjat minn numru kbir ta' persuni li jagħmlu dan kollu mill-qalb għax iħossu li fuq l-eżempju tal-Mulej Ġesù għandhom joffru mill-ħin tagħhom b'dan il-mod, minkejja l-impenji tagħhom fil-familja u fix-xogħol, li jridu jwettqu.

Huwa xieraq għalhekk li l-Knisja tkun rikonoxxenti għall-fiduċja li għandu l-poplu Malti fl-operat tagħha għall-ġid tas-soċjetà Maltija stess. Din il-fiduċja l-poplu qed juriha b'mod ċar kemm bl-għotjiet ġenerużi ta' flus u ta' beni, kif ukoll b'firxa wiesgħa ta' servizzi volontarji imprezzabbli fejn tant nies joffru ħafna ħin flimkien ma' medda sħiħa ta' esperjenzi u ħiliet. Il-futur, dwar dawk li huma prospetti finanzjarji, jinħass xi ftit imċajpar minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja ħażina li hawn fid-dinja bħalissa. Madankollu, il-Knisja f'Malta bħal dejjem għandha fiduċja kbira fil-ġenerożità tal-poplu u fil-providenza ta' Alla.

**28 ta' Novembru 2008**

# L-Arċisqof jippreżenta lid-Dar tal-Providenza €181,000 miġburin f'Kampanja tal-RTK

Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. ippreżenta lil Dun Martin Micallef, Direttur tad-Dar tal-Providenza, is-somma ta' Euro 181,000 li nġabret bit-telefonati u messaġġi 'SMS' waqt l-*Open Day* li Radju RTK organizza fid-Dar tal-Providenza fl-ewwel jum tas-sena.

Mons. Arċisqof qal li din il-kampanja tal-RTK b'risq id-Dar tal-Providenza torbot flimkien żewġ uċuh ħafna importanti tal-Knisja. L-ewwelnett hemm il-leħen tal-Knisja, u l-RTK huwa leħen ta' kulħadd imma b'mod speċjali jippreżenta f'dawl Kristjan dak kollu li jkun għaddej. L-RTK f'dan diġà għandu mpenn soċjali, għax meta qed imexxi messaġġ favur il-persuna u l-familja huwa wkoll impenn soċjali. It-tieni ħaġa huwa l-wiċċ soċjali, imma din id-darba materjali, ta' dik li hija r-realtà tal-Knisja. Il-Knisja f'Malta f'kull żmien tħoss li l-Mulej bagħtha wkoll biex tgħin b'mod speċjali lil dawk li l-iktar ikunu fil-bżonn.

**Persuni prezzjużi**

Dwar ir-residenti fid-Dar tal-Providenza Mons. Arċisqof qal: "Għalina huma prezzjużi għaliex għandna x-xbieha ta' Alla f'dehra li hija dgħajfa; dehra ta' persuna li nistgħu nikkomparawh ma' dak li ġie Ġesù - ġie fqir, ġie mwarrab fil-post fejn twieled.

F'riferenza għal isem id-Dar tal-Providenza, Mons. Arċisqof qal li l-ħsieb nisrani hu li meta hemm il-bżonn, tidħol il-providenza li tiġi għax ikun hemm min imexxi kampanja għal għajnuna, min jisponsorja, min jagħti l-ħin tiegħu f'volontarjat, u ħafna nies li jkunu lesti li jagħtu s-sehem tagħhom.

Mons. Cremona rringrazzja lil kull min ta sehmu fil-kampanja. Irringrazzja wkoll għal dak kollu li jsir fid-Dar tal-Providenza. "Xi wħud forsi jaħsbu li l-iktar li niftaħru huwa bil-monumenti kbar tagħna. Naħseb li l-Knisja l-iktar li tiftaħar hu li tkun tat is-sehem tagħha ħalli fejn hemm it-tbatija tkun tista' tidħol fin-nofs. Din hija preżenza speċjali."

Dun Martin Micallef, id-Direttur tad-Dar tal-Providenza rringrazzja lill-RTK għall-Kampanja b'risq id-Dar tal-Providenza u lill-poplu Malti għat-tweġiba ġeneruża tiegħu. Fr. Micallef qal li d-Dar tal-Providenza toffri dar residenzjali lil madwar 100 persuna b'diżabilità li għal xi raġuni jew oħra ma jkunux jistgħu jibqgħu jgħixu mal-familja naturali tagħhom. Qal ukoll li l-ispiża tad-Dar tal-Providenza fis-servizz tagħha tlaħħaq madwar Euro 12,000 kull jum.

Is-Sur Michael Francalanza, General Manager tar-Radju RTK u tal-Media Centre Ltd. qal li Radju RTK jorganizza żewġ Kampanji filantropiċi għal żmien il-Milied u l-Ewwel tas-Sena. L-ewwel Kampanja tkun b'risq il-Familji fil-Bżonn. It-tieni Kampanja tkun b'risq id-Dar tal-Providenza.

Is-Sur Francalanza qal li l-Kampanja ta' din is-sena, li taħbat it-13-il edizzjoni, se tiġi mnedija nhar it-22 ta' Diċembru b'Konferenza Stampa li fiha l-gurnalisti jiġu mdawwrin mal-Kumpless tad-Dar tal-Providenza. Il-Kampanja tiftaħ uffiċjalment fit-30 ta' Diċembru fuq Radju RTK u tilħaq il-qofol tagħha fl-ewwel Jum tas-Sena l-Ġdida, permezz ta' *Open Day* li ssir fl-istess Dar. Dakinhar, il-pubbliku jiġi mistieden jasal sad-Dar tal-Providenza, fis-Siġġiewi fejn isiru *Guided Tours* biex dak li jkun ikun jista' jara l-ħidma li titwettaq f'din id-Dar.

Fl-1 ta' Jannar issir trasmissjoni diretta fuq l-istazzjonijiet televiżivi. It-trasmissjoni tibda fid-9.00am b'Quddiesa mmexxija minn Dun Martin Micallef, id-Direttur tad-Dar. L-attività tissokta taħt it-tinda li tintrama fil-parkeġġ, sa wara nofs-il-lejl. F'parti oħra tad-Dar isir *Auction Sale.*

Barra s-somma ta' Euro 181,000 miġbura mit-telefonati u l-SMSs, fil-Kampanja tal-bidu tas-sena 2008 għad-Dar tal-Providenza kienu nġabru wkoll Euro 304,000 f'donazzjonijiet tal-pubbliku fi flus. Din is-somma diġà ngħatat lid-Dar tal-Providenza.

**29 ta' Novembru 2008**

# Applikazzjoni għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja

L-applikazzjonijiet għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja f'Malta fil-klassijiet Kindergarten One, Kindergarten Two (Pregrade), u Year One fis-sena 2009 se jkunu f'ċentru wieħed: is-Segretarjat għall-Edukazzjoni, Kurja tal-Arċisqof, Floriana. Il-kriterji tal-għażla se jibqgħu kif kienu fl-aħħar snin, jiġifieri: aħwa fl-istess skola, tfal mid-Djar tal-Knisja, tlett itfal f'kull klassi fuq kriterju ta' familji bi bżonnijiet speċjali, u l-bqija bil-polza.

Skont is-sistema li ġiet introdotta fl-1995, għal kull tifel u tifla se ssir applikazzjoni waħda biss. F'din l-applikazzjoni, il-ġenituri jindikaw il-preferenzi tagħhom dwar f'liema skola jixtiequ jdaħħlu lil uliedhom. Wara t-tlugħ tal-polza, it-tfal jitqegħdu fl-iskejjel skont l-ordni li jkunu telgħu, skont il-postijiet disponibbli f'kull skola u skont il-preferenza tal-ġenituri.

Il-formoli tal-applikazzjonijiet ikunu jistgħu jinkisbu mill-Kurja tal-Arċisqof, Floriana, bejn it-12 u t-14 ta' Jannar 2009.

Tfal li japplikaw biex jidħlu:

f'Kindergarten One iridu jkunu twieldu fis-sena 2006;

f'Kindergarten Two (Pregrade) iridu jkunu twieldu fis-sena 2005;

fil-Year One iridu jkunu twieldu fis-sena 2004.

Id-dati u l-ħinijiet li fihom l-applikazzjonijiet ikunu jridu jiġu ppreżentati, fil-Kurja tal-Arċisqof, Floriana, jkunu mniżżlin fuq l-istess formoli.

**10 ta' Diċembru 2008**

## L-Arċisqof fi Żmien il-Milied u l-Ewwel tas-Sena

Il-funzjonijiet reliġjużi li Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. se jmexxi fl-okkażjoni tal-Milied jibdew fil-Lejl tal-Milied, meta Mons. Cremona jiċċelebra Quddiesa Stazzjonali Konċelebrata, fil-Katidral, l-Imdina. Il-funzjoni tibda fil-11.00pm. Il-Quddiesa mill-Arċisqof tkun f'nofs il-lejl.

Nhar il-Milied, Mons. Arċisqof imexxi Quddiesa Stazzjonali Konċelebrata fil-KonKatidral ta' San Ġwann, fid-9.15am.

Il-Ħadd, 28 ta' Diċembru, mid-9.00am sal-11.30am, Mons. Arċisqof se jkun fil-Palazz tal-Arċisqof, Valletta, biex jilqa' lil kull min ikun jixtieq iżuru personalment biex jagħtih l-awguri ta' żmien il-Milied u l-bidu ta' Sena Ġdida. Mons. Arċisqof ikun akkompanjat minn Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof Emeritus.

Fil-31 ta' Diċembru, Mons. Arċisqof imexxi l-Konċelebrazzjoni ta' Jum il-Paċi 2009, li ssir fil-KonKatidral, fil-5.30pm. Jitkanta t-Te Deum. Jum il-Paċi jiġi ċċelebrat fl-Ewwel Jum tas-sena.

Il-Quddiesa li Mons. Arċisqof jiċċelebra fil-bidu ta' sena ġdida għall-koppji li jkunu żżewġu fis-sena li tkun għadha kemm intemmet se ssir nhar is-Sibt, 17 ta' Jannar 2009, fil-KonKatidral ta' San Ġwann, fis-6.30pm.

**19 ta' Diċembru 2008**

## Funzjonijiet tal-Milied fil-Katidral

Il-Quddiesa Pontifikali Solenni Konċelebrata tal-Lejl tal-Milied fil-Knisja Katidrali, Imdina, se tibda f'nofs il-lejl. Iċ-ċerimonja se tkun presjeduta minn Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P., akkompanjat mill-membri tal-Kapitlu tal-Kattidral. Iċ-ċelebrazzjoni tibda fil-11.00pm b'kant ta' għanjiet tal-Milied. Fil-11.30pm tibda l-Proċessjoni tal-Bambin u jsir l-Uffiċċju tal-Qari. Wara tibda l-Quddiesa.

Nhar il-Milied, fid-9.00am, fil-Katidral ikun hemm il-Kant tat-Tifħir ta' Sbieħ il-Jum. Fid-9.30am tibda Quddiesa Solenni Konċelebrata. Fil-5.00pm isir il-Kant tat-Talb ta' Filgħaxija. Il-Quddiesa ta' filgħaxija tkun fis-6.00pm.

Il-funzjoni tal-aħħar jum tas-sena tibda fil-5.30pm bil-Kant tat-Talb ta' Filgħaxija. Fis-6.00pm tibda Quddiesa Solenni Konċelebrata. Jippresiedi Mons. Arċisqof Emeritus Ġużeppi Mercieca. Wara jitkanta Te Deum u ssir Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**19 ta' Diċembru 2008**

## Il-Kurja fi żmien il-Milied

Fi żmien il-Festi tal-Milied u tal-Ewwel tas-Sena, l-uffiċċji kollha tal-Kurja tal-Arċisqof, Floriana, inklużi l-Uffiċċju taż-Żwiġijiet u t-Taqsima tal-Amministrazzjoni, kif ukoll l-uffiċċji tat-Tribunal Ekkleżjastiku, Valletta, se jkunu magħluqin għall-pubbliku minn nhar l-Erbgħa, 24 ta' Diċembru. Dawn l-uffiċċji jerġgħu jiftħu kollha għall-pubbliku nhar it-Tnejn, 5 ta' Jannar 2009.

**19 ta' Diċembru 2008**

## Il-pożizzjoni tal-Knisja dwar ir-Riforma Edukattiva

Fil-Kurja tal-Arċisqof, fis-17 ta' Diċembru 2008 saret laqgħa bejn Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. u Mons Isqof Mario Grech, il-Provinċjali, Superjuri u Kapijiet tal-Iskejjel tal-Knisja fejn ġiet diskussa r-riforma edukattiva.

Il-proċess li wassal għall-pubblikazzjoni tad-dokument, "It-Tranżizzjoni mill-Iskejjel Primarji għal dawk Sekondarji," ilu ftit li beda. Il-kapijiet tal-Iskejjel tal-Knisja li jmexxu l-Eżami Komuni mill-ewwel ħadu bis-serjetà din il-proposta. Mhux biss wieħed minnhom, Fr. Charles Mallia, kien fuq il-kummissjoni li ppreparat id-dokument, imma dawn il-kapijiet ipparteċipaw f'diversi laqgħat. Saħansitra, f'Novembru 2006 ġabu mill-Ingilterra lill-Professur Gerald Grace sabiex jisma' l-parir tiegħu u sabiex flimkien mal-provinċjali, superjuri oħra tal-Knisja u l-kapijiet tal-iskejjel kollha tal-Knisja jiddiskuti miegħu din il-proposta. Anke l-Isqfijiet, kemm il-darba ltaqgħu sabiex jiddiskutu dan is-suġġett.

Waqt dawn il-laqgħat dehru l-limiti tas-sistema edukattiva preżenti u l-possibbilt li din tista' tiġi superata. Huwa possibbli li sistema edukattiva ta' Malta timxi 'l quddiem mhux biss għaliex pajjiżi oħra rnexxielhom jagħmlu dan il-pass imma anke għaliex f'Malta stess diġa' għandna skejjel, fosthom ħafna skejjel tal-Knisja, li qed jgħallmu mingħajr eżami silettiv fit-tmiem tal-Primarja. Nemmnu li bħala Knisja għandna nħaddnu din ir-riforma għaliex iżżid il-ġustizzja soċjali.

Sabiex din il-bidla tirnexxi hemm bżonn l-impenn sħiħ minn kulħadd. L-edukazzjoni u t-tagħlim ta' studenti b'abiltajiet u xejriet differenti mhix faċli u l-iskejjel li diġ jagħmlu dan jitkellmu minn bżonnijiet neċessarji sabiex jilħqu dan l-iskop. Id-diffikult tikber fejn l-iskejjel, l-għalliema, l-istudenti u l-ġenituri kienu mdorrijin b'sistema li biha l-istudenti kienu jiġu magħżula skont l-abilt tagħhom. Għalhekk huwa importanti li jsir dak kollu li huwa neċessarju u possibbli u tingħata l-għajnuna meħtieġa kollha sabiex dan il-pass ġust u diffiċli jitwettaq fir-realt.

Id-dħul fl-iskejjel tal-Knisja mhux se jibqa' jsir permezz ta' eżami hekk kif jispiċċa l-eżami tad-dħul tal-*Junior Lyceum*. Għalhekk qed isiru diskussjonijiet sabiex l-iskejjel jaraw kif l-aħjar jistgħu jilqgħu għal din l-isfida u sabiex jiġu formulati kriterji u proċeduri li jirregolaw kif se jsir id-dħul f'dawn l-iskejjel. Dawn id-diskussjonijiet se jkomplu u hekk kif jispiċċa dan il-proċess ninfurmaw lill-poplu Malti b'dak li se jsir.

**19 ta' Diċembru 2008**

# L-Arċisqof jilqa' lill-Pubbliku fl-Okkażjoni tal-Milied u s-Sena l-Ġdida

### *Se jżuruh rappreżentanti tal-15-il parroċċa fejn se jibda żjara pastorali*

Nhar il-Ħadd, 28 ta' Diċembru 2008 Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. se jkun il-Palazz tal-Arċisqof, Valletta, mid-9.00am sal-11.30am biex jilqa' lill-membri tal-pubbliku fl-okkażjoni tal-bdil tal-awguri tal-istaġun.

Grupp partikolari li se jżur lill-Arċisqof din is-sena se jkun magħmil minn rappreżentanti tal-15-il parroċċa li Mons. Arċisqof Cremona se jżur fl-ewwel parti tal-Viżta Pastorali tiegħu fil-Parroċċi, li se tibda fit-8 ta' Jannar 2009.

L-ewwel 15-il Parroċċa - mis-70 Parroċċa li hawn f'Malta - li fihom Mons. Arċisqof se jagħmel il-Viżta Pastorali tiegħu huma: Attard (10-16 ta' Jannar); Balzan (24-30 ta' Jannar); Valletta, San Duminku (31 ta' Jannar – 7 ta' Frar); Iklin (15-20 ta' Frar); Gżira (21-27 ta' Frar); Ta' Xbiex (1-6 ta' Marzu); Floriana (7-12 ta' Marzu); Valletta, Santu Wistin (15-21 ta' Marzu); Lija (21-30 ta' Marzu); Valletta, San Pawl (19-25 ta' April); Msida (9-20 ta' Mejju); Luqa (22-29 ta' Mejju); Raħal Ġdid, Madonna ta' Lourdes (3-12 ta' Ġunju), Raħal Ġdid, Kristu Re (28 ta' Ġunju – 4 ta' Lulju); Santa Luċija (22 ta' Lulju - 5 ta' Awissu).

Mons. Arċisqof ikompli dawn il-Viżti Pastorali tiegħu fil-kumplament tal-parroċċi b'mod regulari bejn l-2009 u l-2011.

Sadattant, nhar l-Ewwel tas-Sena, minħabba l-limitazzjoni tal-ħin, l-Isqfijiet se jkunu jistgħu jaraw biss lil min ikun talab u ngħata appuntament.

**26 ta' Diċembru 2008**

LIBRERIJA PUBBLIKA
TAL-KATIDRAL
TRIQ QASAM SAN GORG
VICTORIA GOZO
TEL. 21560479

# WERREJ


## MILL-KNISJA UNIVERSALI

Solemnity of the Immaculate Conception – Address of His Holiness Benedict XVI ............ 653
Pope's address to the Pontifical Universities in Rome ............ 656
Nativity of the Lord: Homily of His Holiness during the Midnight Mass ............ 660

## DOKUMENTI MILL-KURJA

Il-Ħajja hija valur assolut: intervent tal-Arċisqof f'Konferenza dwar il-Ħajja ............ 665
Festa ta' Kirstu Re: Diskors ta' Monsijur Arċisqof ............ 668
Ittra Pastorali ta' l-Isqfijiet għall-Avvent 2008 ............ 672
It-Tieni Ittra tal-Arċisqof liż-Żgħażagħ ............ 676
Mons. Arċisqof lill-Missjunarji Maltin: Messaġġ tal-Milied 2008 ............ 680
Mons. Arċisqof lill-Emigranti Maltin: Messaġġ tal-Milied 2008 ............ 682
Milied 2008: Messaġġ ta' Monsinjur Arċisqof ............ 684
Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin ............ 687
Il-Kummissjoni Ambjent tikteb lill-Pulizija dwar il-ħruq tan-nar ............ 692
Ċirkolari Nru 27: Festa ta' Kristu Re u ġabra għall-iSkejjel tal-Knisja ............ 694

## STQARRIJIET OĦRA TAL-KURJA

L-Arċisqof dwar l-esperjenza tiegħu fis-Sindou tal-Isqfijiet ............ 695
Il-Kurja tal-Arċisqof fil-Festa tal-Qaddisin kollha ............ 701
Ordinazzjoni ta' tmien djakni ġodda ............ 701
Seminars dwar il-mara bħala don ta' Alla ............ 702
L-Arċisqof dwar il-mara fis-soċjetà ............ 703
Festa ta' Kristu Sultan 2008 ............ 706
Kappillan ġdid għall-parroċċa ta' San Gejtanu, Ħamrun ............ 706
Diploma fl-istudji ta' Kawżi dwar Żwieġ fil-Knisja ............ 707
Kummissjoni tal-Knisja għat-tfal ............ 708
Rapport Finanzjarju Pastorali tal-Arċidjoċesi għas-Sena 2007 ............ 711
Kampanja RTK: L-Arċisqof jippreżenta l-flus lid-Dar tal-Providenza ............ 715
Applikazzjonijiet għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja ............ 717
L-Arċisqof fi żmien il-Milied u l-Ewwel tas-Sena ............ 718
Funzjonijiet tal-Milied fil-Katidral ............ 719
Il-Kurja fi żmien il-Milied ............ 719
Il-pożizzjoni tal-Knisja dwar ir-Riforma Edukattiva ............ 720
L-Arċisqof jilqa' lill-pubbliku fl-okkażjoni tal-Milied u s-Sena l-ġdida ............ 721


*Kwadru ta' San Ġwann Battista u San Pawl, pittura ta' Antoine Favray mill-kappella tal-Madonna ta' Manresa fil-Kurja, il-Furjana.*